# RAPPORT ANNWALI 2011




*Il-bini Eurojust Arc*

# TABELLA TA' X'FIH DAN ID-DOKUMENT

**NOTA DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-EUROJUST .......... 6**

**LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET .......... 7**

**KELMTEJN QABEL .......... 8**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV .......... 11**

**1 ATTIVITAJIET OPERATTIVI .......... 13**

1.1 Introduzzjoni .......... 13
1.2 Ix-xogħol fuq il-każijiet dwar koperazzjoni ġudizzjarja tal-Eurojust .......... 13
1.2.1 Problemi u l-aħjar prattiċi fix-xogħol tal-każijiet tal-Eurojust .......... 13
1.2.2 Laqgħat ta' kordinazzjoni .......... 15
1.2.3 Ċentri ta' kordinazzjoni .......... 15
1.2.4 L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust .......... 17
1.2.5 Konvenzjonijiet dwar Assistenza Legali Reċiproka .......... 19
1.2.6 Kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġbir u l-ammissibilità ta' evidenza .......... 19
1.2.7 Prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni .......... 21
1.2.8 Trasferiment ta' proċeduri kriminali .......... 22
1.2.9 Skambju ta' rekords kriminali .......... 22
1.2.10 Mandati ta' Arrest Ewropew .......... 23
1.2.11 Ordnijiet ta' iffriżar .......... 27
1.2.12 Konfiska u rkupru ta' attiv .......... 28
1.2.13 Kunsinni kontrollati .......... 28

1.3 Koperazzjoni ġudizzjarja f’oqsma ta’ prijorità ta’ kriminalità ..... 30
1.3.1 Terroriżmu ..... 30
1.3.2 Traffikar tad-Droga ..... 31
1.3.3 Traffikar ta’ Bnedmin ..... 32
1.3.4 Frodi ..... 33
1.3.5 Korruzzjoni ..... 34
1.3.6 Reati elettroniċi ..... 34
1.3.7 Ħasil ta’ flus ..... 35
1.3.8 Attivitajiet oħra ta’ kriminalita organizzata ..... 37
1.4 Timijiet Konġunti ta’ Investigazzjoni ..... 39
1.5 Ix-xogħol fuq il-każjiet tal-Eurojust li jinvolvi Stati Terzi ..... 42

**2 RELAZZJONIJIET MAL-ISTITUZZJONIJIET U L-IMSIEĦBA TAL-UE ..... 45**

2.1 Relazzjonijiet Istituzzjonali ..... 45
2.1.1 Il-Parlament Ewropew ..... 45
2.1.2 Kunsill tal-Unjoni Ewropea ..... 45
2.1.3 Il-Kummissjoni Ewropea ..... 46
2.2 Netwerks ta’ Prattikanti ..... 46
2.2.1 In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew ..... 47
2.2.2 Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs ..... 47
2.2.3 Netwerk għal ġenoċidju ..... 48
2.2.4 Netwerk tat-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew ..... 48
2.2.5 Forum Konsultattiv ..... 48
2.3 Aġenziji u korpi tal-UE ..... 49
2.3.1 L-Europol ..... 49
2.3.2 OLAF ..... 51
2.3.3 Frontex ..... 52

2.3.4 CEPOL ..... 52
2.3.5 Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI ..... 53
2.4 Relazzjonijiet barra l-Unjoni Ewropea ..... 53

**3 ID-DEĊIŻJONI TAL-EUROJUST, ŻVILUPPI FUTURI U AMMINISTRATTIVI ..... 55**

3.1 L-Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ..... 55
3.2 *Task Force* rigward il-Futur tal-Eurojust ..... 57
3.3 Żviluppi amministrattivi ..... 58
3.4 Aċċess Pubbliku għad-dokumenti tal-Eurojust ..... 60

**4 PROSEGWIMENT TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL ..... 63**

**ANNESS ..... 69**

Figura 1 – Evoluzzjoni tal-każijiet 2002-2011 ..... 69
Figura 2 – Każijiet bilaterali/multilaterali ..... 70
Figura 3 – Każijiet miftuħa u magħluqa 2003-2011 ..... 71
Figura 4 – Klassifikazzjoni ġenerali ta' każijiet ..... 72
Figura 5 – Tipi ta' prijorità ta' reati f'każijiet tal-Eurojust ..... 73
Figura 6 – Tipi ta' prijorità ta' reati u tipi ta' reati oħra f'każijiet tal-Eurojust ..... 74
Figura 7 – Każijiet tal-Eurojust, pajjiżi rikjedenti ..... 75
Figura 8 – Każijiet tal-Eurojust, pajjiżi mitluba ..... 76
Figura 9 – Każijiet ittrattati fil-laqgħat ta' kordinazzjoni ..... 77
Figura 10 – Laqgħat ta' kordinazzjoni, pajjiżi rikjedenti ..... 78
Figura 11 – Laqgħat ta' kordinazzjoni, pajjiżi mitluba ..... 79

# Nota dwar id-Deċiżjoni tal-Eurojust

*Id-Deċiżjoni tal-Eurojust* – Id-Deċiżjoni tal-Kunisill tat-28 ta’ Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust sabiex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, ser tiġi msemmija f’dan ir-rapport bħala “id-Deċiżjoni tal-Eurojust”.

Verżjoni konsolidata tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, imħejjija mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għal għanijiet ta’ informazzjoni biss, tinsab disponibbli fuq is-sit tal-web tagħna www.eurojust.europa.eu.

# Lista ta’ abbrevjazzjonijiet

**AWF** ............. Faxxikoli ta’ Analiżi ta’ Xogħol
**CEPOL** .......... Kulleġġ tal-Pulizija Ewropea
**CMS** .............. Sistema tat-Tmexxija tal-Każijiet
**COSI** ............ Kumitat permanenti dwar il-koperazzjoni operattiva dwar sigurtà interna.
**EAW** ............. Mandat ta’ Arrest Ewropew
**EIO** .............. Ordni ta’ Investigazzjoni Ewropew
**EJN** .............. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew
**ENCS** ............ Sistema ta’ Kordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust
**Frontex** ........ Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġar tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Konfini Esterni tal-Unjoni Ewropea
**JIT** ............... Timijiet Konġunti ta’ Investigazzjoni
**MLA** .............. Assistenza Legali Reċiproka
**OCC** .............. Kordinazzjoni erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa
**OCTA** ............ Valutazzjoni tat-Theddida ta’ Kriminalità Organizzata
**OLAF** ............ L-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi
**TE-SAT** ......... Rapport dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejra fit-Terroriżmu
**THB** .............. Traffikar tad-Bnedmin

# Kelmtejn qabel

Dan huwa l-għaxar rapport annwali tal-unità ta' koperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Fl-2011 rajna li x-xogħol ewlieni tal-Eurojust li jgħin jiġġieled fl-operat tiegħu kontra kriminalità serja transkonfini jiżviluppa b'mod sinjifikattiv. Kien hemm żieda żgħira biss fin-numru ta' każijiet li l-Istati Membri rriferew lill-Eurojust meta mqabbel mal-2010, iżda kien hemm żieda sinjifikativa fl-attività ta' kordinazzjoni tal-Eurojust.

Laqgħat ta' kordinazzjoni jlaqqgħu flimkien l-esperti tal-Eurojust flimkien mal-kollegi tagħhom fl-Istati Membri u fil-korpi tal-Unjoni Ewropea. Il-laqgħat jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod effiċjenti għar-rigward ta' meta, fejn u kif l-infurzar tal-liġi u l-azzjoni ġudizzjarja kontra gruppi ta' kriminalità organizzata f'każijiet transkonfini, għandhom isiru. Il-bżonn ta' dawn il-laqgħat operattivi għall-prattikanti fl-Istati Membri kien evidenti biż-żieda ta' 40% fin-numru tagħhom fl-2011. Fl-istess ħin, din iż-żieda tfakkarna b'mod serju li t-theddida minn kriminalità transkonfini ma naqsitx. Għall-ewwel darba dawn il-laqgħat ittrattaw mal-kordinazzjoni ta' aktar minn 200 każ.

Fl-2011 ġie reġistrat żvilipp sinjifikattiv fil-laqgħat ta' kordinazzjoni. Dan kien bl-introduzzjoni taċ-ċentru ta' kordinazzjoni. Ladarba l-attività ta' kordinazzjoni fl-Istati Membri għal ġurnata speċifikata tkun ġiet deċiża fil-laqgħat ta' kordinazzjoni, l-esperti tal-Eurojust huma issa disponibbli f'ċentru sikur ta' kordinazzjoni sabiex jagħtu parir lill-Istat Membru tagħhom u l-kollegi tal-UE. Hekk kif il-ġurnata ta' azzjoni tasal viċin, dawn jistgħu jgħinu b'mistoqsijiet bħal ammissibilità ta' evidenza f'ġurisdizzjonijiet differenti, u l-abbozzar tal-Mandati ta' Arrest Ewropej u talbiet għal assistenza ġudizzjarja oħra. L-Eurojust fl-2011 opera seba' ċentri ta' kordinazzjoni, li ttrattaw ma' kriminalità li jvarjaw minn traffikar ta' persuni, traffikar ta' droga sa frodi maġġuri. Dan ġie mwettaq fuq sfond fejn ħafna Stati Membri għad għandhom jimplimentaw id-Deċiżjoni riveduta tal-Eurojust.

Aspett importanti ieħor rigward xogħol ta' kordinazzjoni tal-Eurojust fl-2011 kien mat-Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs). Inizjalment kunsidrati bħala burokratiċi, il-JITs huma issa aċċettati bħala għodda utli fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfini. Huma jipprovdu qafas fejn prattikanti minn ġurisdizzjonijiet differenti jistgħu jaħdmu flimkien mingħajr id-diffikultajiet u d-dewmien assoċjati mal-formuli tradizzjonali ta' assistenza legali reċiproka. Fl-2011 l-Eurojust sar il-kwartier ġenerali tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs. Matul is-sena, il-prosekuturi tal-Eurojust, imħallfin u uffiċjali tal-pulizija pparteċipaw f'madwar tletin tim.

Kien hemm ukoll progress fil-fornitura ta' infrastruttura għal xogħol kordinat. Intlaħaq ftehim mal-Olanda u mal-awtoritajiet tal-UE li l-bini ġdid għall-Eurojust jista' jinbeda. Dan ser jippermetti l-persunal kollu tagħha jaħdem flimkien minflok jaħdem f'żewġ postijiet differenti kif inhu bħalissa. It-tlestija hija antiċipata fl-2015. Vantaġġ ieħor tal-bini l-ġdid tal-Eurojust huwa li ser ikun qrib ta' wieħed mill-organizzazzjonijiet imsieħba prinċipali tal-UE, l-Europol. Dan ser jagħti espressjoni tanġibbli rigward il-bżonn ta' rispons kordinat lill-gruppi ta' kriminalità li jheddu liċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Annwali tal-2011 ikompli bl-iffukar operattiv ta' rapporti preċedenti. Nispera li jipprovdi rendikont utli tal-attivitajiet tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfini.



Aled Williams

**ALED WILLIAMS**
President tal-Eurojust

# Il-Membri Nazzjonali tal-Kulleġġ tal-Eurojust




*Bil-qiegħda mix-xellug għal-lemin*
*Elena Dinu, RO; Mariusz Skowroński, PL; Malči Gabrijelčič, SL; Gunars Bundzis, LV; Michèle Coninsx, BE, Viċi-President; Aled Williams, UK, President; Raivo Sepp, EE, Viċi-President; Ilona Lévai, HU; Lampros Patsavellas, EL; Donatella Frendo Dimech, MT; Juan Antonio García Jabaloy, ES*

*Bil-wieqfa mix-xellug għal-lemin*
*Harri Tiesmaa, FI; Ingrid Maschl-Clausen, AT; Jesper Hjortenberg, DK; Francesco Lo Voi, IT; Laima Čekelienė, LT; Ladislav Hamran, SK; Carlos Zeyen, LU; Mariana Lilova, BG; Ola Laurell, SE; Robert Sheehan, IE; João Manuel Da Silva Miguel, PT; Hans-Holger Herrnfeld, DE; Lukáš Starý, CZ; Sylvie Petit-Leclair, FR; Marc van Erve, NL; Katerina Loizou, CY*

# Sommarju Eżekuttiv

In-numru ta' każijiet fejn l-Istati Membri talbu l-għajnuna tal-Eurojust fil-ġlieda kontra kriminalità serja transkonfini żdied ftit meta mqabbel mas-sena li għaddiet, minn 1421 għal 1441.

Ir-rwol ta' kordinazzjoni tal-Eurojust żviluppa b'mod sinjifikattiv:

- In-numru ta' każijiet li ġew ittrattati fil-laqgħat ta' kordinazzjoni żdied meta mqabbel mas-sena li għaddiet minn 140 għal 204;
- 80% mil-laqgħat ta' kordinazzjoni ittrattaw ma' "reati ta' prijorità tal-UE" (elenkati hawn taħt);
- Kważi 70% tal-laqgħat ta' kordinazzjoni involvew tliet Stati Membri jew aktar;
- Seba' ċentri ta' kordinazzjoni operaw biex jipprovdu appoġġ f'ħin reali lill-operazzjonijiet tal-Istati Membri;
- L-Europol attenda 89 mil-laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust.

It-tmien oqsma ta' kriminalità ta' prijorità tal-UE, kif stabbilit mill-Kunsill, ġew riflessi fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust kif ġej (f'ordni numerika 'l isfel): traffikar ta' droga, frodi, attivitajiet oħra ta' kriminalità organizzata, ħasil tal-flus, traffikar ta' persuni, terroriżmu, korruzzjoni u kriminalità elettronika.

Ir-rwol tal-Euroust flimkien mat-Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs) kiber b'mod kostanti fl-2011:

- ġew iffurmati 33 JITs bl-għajnuna tal-Eurojust;
- il-prosekuturi, l-imħallfin u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-Eurojust ipparteċipaw f'29 JIT;
- L-Eurojust ivvaluta u amministra l-finanzjament tal-Kummissjoni lill-JITs li involva 16-il Stat Membru.

10 Stati Membri wettqu l-miżuri neċessarji sabiex iġibu s-sistema legali tagħhom nazzjonali konformi mad-Deċiżjoni tal-Eurojust fl-aħħar tal-2011.

L-estimi finanzjarji tal-Eurojust għall-2011 laħqu l-€31.7 miljun. L-Eurojust eżegwixxa 95.6% tal-estimi tiegħu.

In-numru ta' persuni jaħdmu mal-Eurojust fl-2011 kien 269:

- 42 kienu prosekuturi, imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija ta' kompetenza ekwivalenti ssekondanti mill-Istati Membri, assistiti minn 15-il espert nazzjonali sekondat;
- 210 kienu impjegati skont Regolamenti tal-Persunal tal-UE, assistiti minn żewġ esperti nazzjonali sekondati.

Intlaħaq ftehim dwar implikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-estimi rigward il-bini ġdid tal-Eurojust fl-2015 mal-Olanda, bħala stat ospitanti, u ma' istituzzjonijiet tal-UE.

Fl-2011 ġew stabbiliti fil-bini tal-Eurojust iż-żewġ segretarjati tal-JITs u n-Netwerk tal-Ġenoċidju.

# 1 Attivitajiet Operattivi

## 1.1 Introduzzjoni

Il-prijoritajiet ta' xogħol għall-2011 tal-Eurojust ġew adottati fid-dawl tal-valutazzjonijiet tal-Kunsill dwar theddid ta' kriminalità fuq ċittadini tal-UE. It-tipi ta' "kriminalità ta' prijorità tal-UE" li ġew identifikati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala li joħolqu theddid partikolari, kienu t-terrorriżmu, it-traffikar ta' droga, it-traffikar tal-bnedmin (THB), il-frodi, il-korruzzjoni, il-kriminalità elettronika, il-ħasil tal-flus u attivitajiet ta' kriminalità organizzata oħra. Informazzjoni rigward ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust f'dawn l-oqsma, flimkien ma' problemi, l-aħjar prattiċi identifikati u notamenti ta' xogħol strateġiku relatat, jinstabu hawn taħt.

Fl-2011 l-Eurojust irrisponda għat-talbiet tal-Istati Membri għal għajnuna f'1441 każ reġistrat. Żewġ terzi mit-talbiet kellhom x'jaqsmu ma' "kriminalità ta' prijorità tal-UE". Il-bqija kienu jinkludu kriminalità serja bħal omiċidju, stupru u serq. Statistiċi dettaljati rigward ix-xogħol fuq il-każijiet u l-involviment tal-Istati Memberi huma provduti fl-Anness.

Waqt li n-numru totali ta' talbiet għall-assistenza tal-Eurojust fl-2011 kien kważi eżatt bħal dak tal-2010, in-numru ta' laqgħat li saru sabiex jiġi kordinat ix-xogħol tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi żdied b'mod sinjifikanti. In-numru ta' każijiet trattati waqt il-laqgħat ta' kordinazzjoni żdied għal 204, żieda ta' 44% fuq l-2010 (meta ġew ittrattati 141 każ). Madwar 70% tal-laqgħat ta' kordinazzjoni involvew tliet pajjiżi jew aktar, u 80% ittrattaw kriminalità ta' prijorità.

L-involviment tal-Eurojust biex jiġu stabbiliti l-JITs żdied ukoll fl-2011 (ara t-taqsima 1.4).

## 1.2 Ix-xogħol fuq il-każijiet dwar koperazzjoni ġudizzjarja tal-Eurojust

Ix-xogħol tal-Eurojust huwa essenzjalment operattiv u jittratta mar-riżoluzzjoni ta' problemi f'każijiet ta' kriminalità serja transkonfini. F'xi każijiet, il-problemi li għandhom jiġu riżolti huma prattiċi, jew joriġinaw minn partikolaritajiet ta' ġurisdizzjoni nazzjonali. L-ostakoli li ġejjin u xi uħud mill-aħjar prattiċi fil-każijiet ta' xogħol prattiku ġew identifikati.

### 1.2.1 Problemi u l-aħjar prattiċi fix-xogħol tal-każijiet tal-Eurojust

Ostakolu rikorrenti kien id-dewmien fl-esekuzzjoni ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka (MLA) għal raġunijiet varji. Kultant, il-karatterizzazzjonijiet legali u fattwali mhux kompleti ta' ma-

terjal rilevanti tfisser li l-esekuzzjoni tal-MLA f'ġuridizzjoni waħda tiddawwar sakemm jiġu riċevuti informazzjoni u kjarifikazzjonijiet oħra minn ġuridizzjoni oħra. Xi drabi, id-dewmien jiżdied b'affarijiet bħal nuqqas ta' *databases* ċentralizzati li jippermettu l-identifikazzjoni malajr ta' kontijiet bankarji jew proprjetà oħra; f'xi każijiet oħra, dewmien jista' jinħoloq meta talba minn awtorità emittenti fi Stat Membru wieħed lill-awtorità emittenti fi Stat Membru ieħor tintbagħat f'indirizz ħażin minħabba f'identifikazzjoni ħażina tar-riċevitur xieraq.

Xi drabi, kunċetti legali f'ġurisdizzjoni waħda sempliċement ma jkollhomx kontroparti diretta f'ġurisdizzjoni oħra, u diffikultajiet ta' traduzzjoni, kemm legali kif ukoll lingwistika, jaggravaw il-problema ta' esekuzzjoni.

Inqalgħu ukoll kwistjonijiet li joħorġu minn differenzi fit-tifsira ta' reati, u f'dan ir-rigward l-Eurojust seta' jiffaċilita d-djalogu bejn il-pajjiżi emittenti u mitluba, u sabiex jassisti fi-kjarifikazzjoni tat-tifsira ta' reati fil-ġurisdizzjonijiet involuti.



*Laqgħa ta' kordinazzjoni b'14-il Stat Membru, in-Norvegja, Kroazja, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Europol*

L-Eurojust ta' spiss għen isolvi problemi billi għen, kultant f'termini ta' żmien stretti ħafna, fl-abbozzar u fit-trasmissjoni ta' ittri rogatorji, billi identifika l-awtorità nazzjonali xierqa, u billi ta parir fuq ħtiġiet ta' evidenza fil-pajjiżi li qed jitolbu u dawk emittenti. L-involviment tiegħu bikri f'każijiet kumplessi fisser li l-problemi legali u ta' evidenza setgħu jiġu identifikati fi stadju meta setgħu jittieħdu miżuri

adattati. L-importanza ta' dan id-djalogu bikri, bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi tal-Eurojust u l-Istat Membru li jassisti, ma jistax jiġi eżagerat. Tista' tvarja mir-riżoluzzjoni ta' problemi prattiċi u immedjati f'każ partikolari sa konsiderazzjoni ta' lezzjonijiet tattiċi u strateġiċi stabbiliti fis-seminars ta' xogħol fuq il-każijiet tiegħu.

B'mod aktar ġenerali, l-Eurojust iffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-użu ta' żewġ għodod partikolari: laqgħat ta' kordinazzjoni u tal-JITs. Billi ġab flimkien il-prattikanti u bil-fatt li ħaddan l-iskambju ta' informazzjoni fuq każijiet, l-Eurojust ikkontribwixxa għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ta' ħidma mal-prattikanti fl-Istati Membru u l-korpi oħra tal-UE.

### 1.2.2 Laqgħat ta' kordinazzjoni

Kif innutat fl-2011, l-Eurojust organizza laqgħat ta' kordinazzjoni f'204 każijiet, żieda sinjinfikanti fuq is-sena ta' qabel. Dawn il-laqgħat ikomplu jkunu ta' valur miżjud konsiderevoli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali f'każijiet transkonfini. Dawn jiffaċilitaw l-iskambju effettiv u fil-ħin ta' informazzjoni, jipprovdu soluzzjonijiet għal diffikultajiet ta' prattika u legali u jgħinu jibnu il-fiduċja bejn l-awtoritajiet kompetenti f'Istati Membri differenti. Għalkemm mhux metodu mill-aħjar, l-użu ta' għodod ta' *video-conference* fil-laqgħat ta' kordinazzjoni, iffaċilita l-progress fuq każijiet meta ma segħux jitressqu flimkien il-partijiet rilevanti minħabba restrizzjonijiet operattivi ta' żmien.

Laqgħat ta' kordinazzjoni ta' spiss wasslu għall-konlużjoni ta' ftehim operattivi, li ġew segwiti wara mill-Eurojust sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali. Ta' importanza partikolari kienu l-ftehim ta' laqgħat ta' kordinazzjoni sabiex jiġu stabbliti l-JITs. F'dawn il-laqgħat ta' kordinazzjoni mhux talli attendew għalihom ir-rappreżentanti tal-Istati Membri biss, iżda fejn xieraq kien hemm rappreżentanza ta' Stati terzi u Korpi tal-UE bħalma huma l-Europol u l-OLAF. L-Istati Terzi ġew rappreżentati f'45 okkażjoni fil-laqgħat ta' kordinazzjoni, l-Europol 89 u l-OLAF 8.



*L-ewwel ċentru ta' kordinazzjoni*

### 1.2.3 Ċentri ta' kordinazzjoni

Rajna li fl-2011 kien hemm żvilupp sinjifikanti fl-għodda ta' laqgħat ta' kordinazzjoni. Sabiex jiġi provdut l-appoġġ miżjud operattiv fi Stati Membri differenti, l-Eurojust żviluppa l-użu ta' ċentri ta' kordinazzjoni. Il-faċilitajiet tekniċi disponibbli għaċ-ċentri ta' kordinazzjoni jip-

L-Eurojust appoġġa l-Italja u l-Olanda f'operazzjoni ta' arrest ta' wieħed mill-mitt persuna maħruba l-aktar imfittxija. Il-persuna maħruba kienet tappartjeni lill-Klikka *Polverino*, grupp ta' kriminalità organizzata tal-Camorra li kienet ibbażata f'Napli. Huwa maħsub illi l-Klikka *Polverino* kienet responsabbli għat-traffikar ta' kwantitajiet kbar ta' drogi minn Spanja għall-Italja, omiċidju, estorsjoni, pussess illegali ta' armi, ħasil tal-flus permezz tas-settur kummerċjali u attivitajiet kriminali oħra. L-azzjoni sabiex tiġi arrestata l-persuna mmirata bdiet fil-bidu tal-2011, meta ħarbet minn operazzjoni oħra tal-pulizija internazzjonali kontra l-Klikka *Polverino*, għalkemm 40 mill-membri l-oħra tal-klikka ġew arrestati fl-Italja u fi Spanja.

Il-persuna mmirata ġiet intraċċata fiż-Zeewolde. Fil-laqgħa ta' kordinazzjoni tal-Eurojust, il-pulizija Taljani u Olandiżi u l-awtoritajiet ġudizzjarji skambjaw informazzjoni u ippjanaw l-attivitajiet tal-arrest. Ġew diskussi u ċċarati dettalji prattiċi għal-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u attivitajiet investigattivi neċessarji oħra mitluba b'ittra rogatorja sabiex tiġi faċilitata l-operazzjoni mingħajr problemi.

Il-*Carabinieri* Taljana, flimkien mal-Forza Speċjali tal-Pulizija Olandiża, daħlu fuq villa fejn il-persuna mmirata kienet qed tgħix taħt isem falz mas-sieħba tiegħu. Waqt l-operazzjoni, l-awtoritajiet tal-pulizija irnexxielhom jaħtfu passaport falz, €20,000 u ritratti li juru l-persuna maħruba mal-kap tal-Klikka *Polverino*.

Il-kordinazzjoni tal-Eurojust ipprovdiet il-bażi għall-esekuzzjoni b'suċċess tal-operazzjoni, li mmarkat pass important fil-ġlieda kontra l-Klikka *Polverino*, li kienet immexxija mill-2007 mill-Uffiċċju ta' Kontra l-Mafja f'Napli, bil-koperazzjoni tant importanti tal-*Guardia Civil* Spanjola u tal-Forza Speċjali tal-Pulizija Olandiża. L-informazzjoni skambjata waqt bosta laqgħat ta' kordinazzjoni, u wara analizzata, għenet sabiex tiġi identifikata l-istruttura ta' kmand tal-grupp ta' kriminalità organizzata.

permettu l-Eurojust biex ikun kollegat b'mod sigur u f'ħin reali mal-prosekuturi kollegi tiegħu, l-imħallfin u mal-uffiċjali tal-pulizija. Meta azzjonijiet operattivi jiġu eżegwiti f'Istati Membri, u l-qbid u l-arresti jiġġeneraw linji ġodda ta' inkjesta, l-Eurojust jista' jipprovdi risposti minnufih għal mistoqsijiet urġenti, bħal ma hu l-abbozzar tal-Mandati ta' Arrest Ewropej (EAWs), jew il-ħtiġiet li għandhom jintlaħqu, kemm ta' evidenza u legali, fuq dawk il-materji bħal ma hu l-ħruġ ta' mandat ta' tiftix jew ta' restrizzjoni fuq kont bankarju.

B'żieda ma' dan, il-kommunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali li jkunu qed iwettqu azzjoni operattiva tiġi mħaffa, għaliex riżultati u inċidenti fl-Istati Membri jisgħu jiġu rrapporati immedjatament liċ-ċentru, u b'hekk jippermetti ħin reali għal kordinazzjoni mal-involviment ta' kull awtorità parteċipanti.

F'ċerti każijiet, dawn iċ-ċentri ġew stabbiliti f'perjodu qasir ħafna, f'każ wieħed fi tlett sigħat, li juri l-kapaċità tal-Eurojust li jirrispondi malajr għall-ħtiġiet operat-

tivi tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni fl-Istati Membri.

Fl-2011 saru seba' laqgħat ta' kordinazzjoni, li mmiraw reati bħala ma huma t-traffikar ta' droga, il-ħasil ta' flus, kuntrabandu tas-sigaretti, frodi u THB.

### 1.2.4 L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust

L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust jipprovdu sabiex is-Sezzjonijiet Nazzjonali individwalment u l-Kulleġġ fl-intier tiegħu, jistgħu jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar ix-xogħol fuq il-każijiet lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu għodod utli sabiex titjieb il-koperazzjoni ġudizzjarja, u jagħtu eżempju tad-djalogu kontinwu bejn il-Membri Nazzjonali tal-Eurojust u l-awtoritajiet tagħhom rigward materji operattivi.

Fl-2011 id-djalogu bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi sar permezz ta' skambji kemm informali kif ukoll formali. Kien hemm bżonn li ssir referenza għall-Artikolu 6 f'diversi modi. Dan kultant segwa diskussjonijiet inizjali informali u laqgħat ma' awtoritajiet nazzjonali, jew mill-identifikazzjnoni ta' kwistjonijiet li joħorġu minn laqgħat ta' kordinazzjoni, jew sempliċement minn informazzjoni provduta minn awtorità li tkun qed titlob b'ittra rogatorja.

Minħabba fl-importanza ta' kuntatt informali skont l-Artikoli 6 u 7, kien hemm it-tendenza li r-reġistrazzjoni formali ta' talbiet taħt dawn id-dispożizzjonijiet issir biss meta l-intraċċar ta' verifika ta' deċiżjonijiet kien ħtieġa ta' arranġamenti ta' proċeduri fi Stati Membri partikolari. Matul l-2011, ġew reġistrati 14-il tal-

F'verifika li saret saltwarjament mill-uffiċjali Doganali Franċiżi fuq vettura Spanjola fl-2010 inkixfu kwantità kbira ta' karti tal-flus, li kellhom magħhom traċċi sinjifikanti ta' kokaina. Inkjesti stabbilixxew li x-xufier tal-vettura kien kollegat ma' grupp ta' kriminalità organizzata li kien qed jopera fi Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja u l-Olanda. Minħabba fil-kumplessità tal-investigazzjoni, l-Eurojust ġie kuntattjat u ippropona ġurnata ta' azzjoni mmanniġġata permezz ta' ċentru ta' kordinazzjoni.

F'Ġunju tal-2011, ġie stabbilit ċentru ta' kordinazzjoni fl-Eurojust, ikkollegat mal-awtoritajiet ġudizzjarji f'ħames Stati Membri, u bl-assistenza prezzjuża tal-uffiċċju mobbli tal-Eurojust. Dan ippermetta t-trasmissjoni f'ħin reali u l-kordinazzjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji kif ukoll l-analiżi ta' *data* li tkun qed toħroġ meta jkunu qed isiru arresti u tiftix. Disa' persuni suspettati ġew arrestati u twettqu għaxar tfitxijiet fl-istess ħin fi Stati Membri differenti. Inqabdet ħafna evidenza, proprjetà u materjal li għandu x'jaqsam mal-manifattura tad-droga. Inħarġu EAWs kontra ċittadini Ġermaniżi, Kolumbjani, Lebaniżi u Torok suspettati li kienu membri attivi ta' din innetwerk kbira u tant kumplessa.

ba formali taħt l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, li ftit minnhom huma notati hawn taħt:

*Talbiet biex tinbeda investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi - Artikolu 6(1)(a)(i)*

Inħarġu sitt talbiet taħt l-Artikolu 6(1)(a)(i) mis-Sezzjonijiet Nazzjonali tal-Eurojust. F'każ wieħed, is-Sezzjoni Taljana staqsiet lill-awtoritajiet tagħha biex jikkunsidraw iwettqu investigazzjoni li kienet oriġinat f'każ Franċiż ta' THB għall-finijiet ta' sfruttament sesswali. Din it-talba rriżultat billi inbdiet investigazzjoni multilaterali li infirxet biex tinkludi ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja u l-Europol.

Fi tliet każijiet ta' ħasil tal-flus, l-Eurojust talab lill-awtorjitajiet ta' prosekuzzjoni Taljani sabiex jieħdu azzjoni bbażata fuq informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Portugiżi u Ġermanizi. Saru wkoll talbiet f'każijiet ta' traffikar ta' immigranti illegali li kienu kollegati ma' kriminalità organizzata li kienet tinvolvi l-Ġermajna, l-Awstrija, il-Greċja, l-Italja u l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (fYROM), u f'każ ta' kuntrabandu ta' sigaretti. Fil-każijiet kollha, l-awtoritajiet Taljani bdew l-investigazzjonijiet. Każ minnhom huwa notat fis-subtaqsima 1.3.7.

*Talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi aċċettat li wieħed minnhom jista' jkun f'pożizzjoni aħjar sabiex titwettaq investigazzjoni jew titmexxa prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi – Artikolu 6(1)(a)(ii)*

F'każ minnhom, is-Sezzjoni Nazzjonali tal-Eurojust talbet lill-awtoritajiet tagħha sabiex ssir investigazzjoni u prosekuzzjoni fir-rigward ta' elementi speċifiċi ta' każ ta' frodi. L-awtorità nazzjonali kompetenti segwiet ir-rakkomandazzjoni tal-Eurojust.

*Talbiet lill-awtoritajiet kompetenti sabiex issir kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati – Artikolu 6(1)(a)(iii)*

Inħarġu tliet talbiet formali skont l-Artikolu 6(1)(a)(iii) u bdew investigazzjonijiet fil-każijiet kollha. L-awtoritajiet nazzjonali Taljani ġew mitluba biex jiżguraw il-kordinazzjoni tal-proċeduri tagħhom eżistenti ma' Stati Membri oħra (il-Belġju, il-Bulgarija u l-Ġermanja) li kienu involuti f'każ Franċiż ta' kuntrabandu tas-sigaretti. Bdiet inizjattiva simili f'każ ta' frodi tat-taxxa u ħasil tal-flus li affettwat tmien awtoritajiet Taljani u l-Olanda. Ittieħdet azzjoni kordinata bi ftehim mal-awtoritajiet Olandiżi u saru b'suċċess numru ta' tftittxijiet fi djar. It-tielet talba irriżultat bit-tnedija ta' investigazzjoni fuq traffikar ta' droga.

*Talbiet sabiex tiġi provduta xi informazzjoni li hi neċessarja sabiex il-Membri Nazzjonali iwettqu x-xogħol tagħhom – Artikolu 6(1)(a)(v)*

Il-kapaċità tal-Eurojust li jirċievi u jittrasmetti informazzjoni malajr u b'mod effettiv hija essenzjali sabiex l-investigazzjonijiet ta' kriminalità transkonfini jsiru b'suċċess u hija essenzjali għax-xogħol ċentrali tiegħu. Każijiet formalment irrekordjati taħt l-Artikolu 6 inkludew tliet talbiet għal skambju ta' informazzjoni. F'investigazzjoni Latvjana fuq

korruzzjoni, is-Sezzjoni Spanjola talbet lill-awtoritajiet ġudizzjari nazzjonali sabiex jiġi identifikat il-prosekutur rilevanti nazzjonali sabiex tiġi skambjata informazzjoni u tiġi żgurata l-kordinazzjoni. Każ ieħor bejn ir-Rumanija u l-Italja involva allegazzjonijiet ta' falsifikar ta' flus u mezzi ta' pagament. It-tielet talba rigward każ ta' frodi li nbdiet mill-Awstrija ġiet mibgħuta mis-Sezzjoni Taljana lill-awtoritajiet nazzjonali.

*Talbiet sabiex tittieħed kull miżura oħra ġustifikata għall-investigazzjoni jew prosekuzzjoni – Artikolu 6(a)(vii)*

Taħt din id-dispożizzjoni, l-Eurojust talab lill-awtoritajiet Taljani sabiex jikkunsidraw miżura temporanja biex tingħata lura persuna mitluba f'każ ta' falsifikar u kriminalità organizzata.

### 1.2.5 Konvenzjonijiet dwar Assistenza Legali Reċiproka

Il-Konvenzjoni tal-Għajnuna Legali Reċiproka tal-2000 u l-Protokoll tagħha tal-2001, u l-Konvenzjoni tal-Għajnuna Reċiproka fi Ħwejjeġ Kriminali tal-1959 u l-Protokolli tagħha (Konvenzjonijiet MLA), baqgħu l-bażijiet legali l-aktar importanti rigward koperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-Unjoni Ewropea. B'mod ġenerali, l-applikazzjoni tagħhom tidher bħala pożittiva. Madankollu, ġew identifikati diffikultajiet kontinwi. Mhux l-Istati Membri kollha implimentaw il-Konvenzjoni tal-2000 MLA; dan jista' jikkawża problemi fl-użu ta' għodod daqshekk importanti ta' koperazzjoni ġudizzjarja bħal *videoconferencing* u JITs. Problemi addizzjonali fl-applikazzjoni ta' dawn il-Konvenzjonijiet jinħolqu minħabba fin-nuqqas ta' termini perentorji biex jiġu eżegwiti talbiet, u n-nuqqas ta' informazzjoni rigward il-progress ta' talbiet. L-Eurojust ta' spiss jiġi mitlub biex jgħin biex jiġu solvuti dawn il-problemi.

Prattika importanti preliminari eżegwita mill-Eurojust hija sabiex isir kuntatt informali mal-awtoritajiet li jitolobu u dawk mitluba sabiex tiġi rfinata talba qabel it-trasmissjoni formali, biex b'hekk tiżdied b'mod sinjifikattiv il-probabilità ta' eżekuzzjoni minnufih.

### 1.2.6 Kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġbir u l-ammissibilità ta' evidenza

L-Eurojust żviluppa kapaċità biex jitratta ma' kwistjoni rikorrenti rigward koperazzjoni ġudizzjarja transkonfini: regoli li jvarjaw dwar l-ammissibilità u l-iżvelar ta' evidenza u informazzjoni fil-ġurisdizzjonijiet nazzjonali, li jkollhom impatt fuq oqsma diversi ta' xogħol fuq il-każijiet. Dawn kellhom impatt fuq espressjoni dwar ix-xogħol fuq il-każijiet f'oqsma varji. Regoli differenti rigward l-interċezzjoni ta' telekomunikazzjonijiet u s-smigħ ta' xhieda per eżempju, għal darb' oħra ħolqu diffikultajiet rigward il-ġbir, l-iskambju u l-ammissibilità ta' evidenza. Diffikultajiet simili ġraw rigward fl-użu ta' *videoconferences*, l-aġenti li jaħdmu bil-moħbi u l-ġbir ta' kamjuni tad-DNA.

Problemi prattiċi rigward traduzzjoni u trasmissjoni wkoll ikomplu jostakolaw il-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri. Biex iservi bħala eżempju, waqt laqgħa ta' kordinazzjoni sar ftehim dwar l-interċettazzjoni ta' kommunikazzjoni-

Ir-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni u l-użu tal-JITs kienu elementi f'wieħed mill-każijiet tal-Eurojust l-aktar kumplessi dwar it-traffikar ta' droga, li wassal għall-qbid ta' kokaina li tiswa aktar minn €400 miljun u l-arrest ta' 30 membru tal-grupp tal-kriminalità organizzata.

Grupp ta' kriminalità organizzata bagħat tunnellati ta' kokaina mill-Amerika t'Isfel lejn l-Ewropa u ħasel ir-rikavat b'bosta ċentri bankarji. Investigazzjoni Svediża, li bdiet fl-2008, żvelat id-dimensjonijiet internazzjonali tal-każ, li affettwaw Stati Membri oħra bħal Franza u Spanja kif ukoll Stati barra mill-Unjoni Ewropea, bħall-Kolumbja, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Iżvizzera, il-Venezwela, l-Iżrael u Andorra.

Minħabba fil-kumplessità tal-każ, l-Eurojust ġie mitlub jassisti. Wara li saret laqgħa ta' kordinazjoni fl-Aja, ġie ffurmat JIT li kien appoġġat taħt il-Proġett ta' Finazjament tal-JIT. Bħal l-ewwel suċċess għall-JIT, inqabdu 1.4 tunnellati ta' kokaina abbord dgħajsa bil-qlugħ ta' 15-il metru tul li kienet ġejja lejn l-Ewropa, bl-Eurojust jassisti billi pprovda parir espert dwar il-legalitajiet ta' interċettament marittimu. Il-qafas legali tal-JIT ippermetta li seta' jsir skambju fil-pront ta' informazzjoni mingħajr proċeduri twal tal-MLA; dan instab li kien waħda mir-raġunijiet essenzjali għas-suċċess tal-operazzjoni dwar il-każ (ġiet provduta wkoll għajnuna mill-Olanda, Malta, ir-Renju Unit, l-Estonja, Ċipru u l-Ġermanja).

L-investigazzjoni, li damet sejra aktar minn tliet snin, kienet appoġġata minn 13-il laqgħa ta' kordinazzjoni għand l-Eurojust, bosta minnhom jinvolvu l-assistenza tal-Europol. Il-laqgħat għenu biex jiġu riżolti kwistjonijiet prattiċi fl-investigazzjoni u b'mod partikolari dawk assoċjati ma' kunflitti possibbli ta' ġurisdizzjoni. Intlaħaq ftehim dwar fejn għandhom isiru l-prosekuzzjonijiet, u l-kap tal-grupp kriminali eventwalment intbagħat mill-Kolumbja lejn l-Iżvezja.

Bħala riżultat tal-operazzjoni, aktar minn 30 membru tal-grupp ta' kriminalità organizzata ġew arrestati madwar id-dinja. Bħala riżultat tal-intervent tal-awtoritajiet Spanjoli u Svediżi, ġew iffriżati kontijiet tal-bank bħala parti mill-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus, u madwar €6 miljun ġew maqbuda f'ħames pajjiżi differenti, konnessi ma' investimenti mill-ġdid fil-proprjetà immobbli, diskoteka u negozji oħra legali, vetturi lussużi u vapuri. In-netwerk tidher li investiet u ħallset għall-inqas €12 miljun. L-ammont totali ta' kokaina maqbuda kellha valur fit-triq ta' mill-inqas €450 miljun.

jiet bit-telefon. L-interċettazzjonijet ġew imwettqa. Iżda, skont il-leġislazzjoni domestika ta' wieħed mill-Istati Membri, evidenza bħal din kienet ikklassifikata, u b'hekk ixxekkel it-trasmissijoni ta' traskrizzjonijiet lill-Istat Membru l-ieħor qabel il-proċeduri kriminali. L-Eurojust seta' jinterjveni biex jiffaċilità u t-tneħħija tal-klassifikazzjoni ta' din l-evidenza u t-trasmissjoni sussegwenti tagħha.

L-Eurojust fittex li jirrisolvi dawn id-diffikultajiet, mhux biss f'każijiet speċifiċi, iżda billi kkontribwixxa għad-dibattitu rigward ir-riforma tas-sistema sabiex tiġi misksuba evidenza transkonfi-

ni, bħall-proposta rigward l-Ordni dwar Investigazzjoni Ewropea (EIO). L-Opinjoni tal-Eurojust fuq dan instrument li għadu abbozz ġiet pubblikata bħala dokument tal-Kunsill fl-4 ta' Marzu 2011 (6814/11). Aktar dettalji jinsabu fit-Taqsima 2.1

### 1.2.7 Prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni

L-Eurojust għamel użu formali mis-setgħat tiegħu sabiex jgħin biex jiġu evitati u jiġu riżolti kunflitti ta' ġurisdizzjoni fi ftit każijiet biss. L-Eurojust, li kien qed jaġixxi bħala Kulleġġ, għamel, mill-2002, tliet rakkommandazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rigward il-kunflitti ta' ġurisdizzjoni; kollha ġew aċċettati. Iżda, sitwazzjonijiet fejn żewġ Stati Membri jew aktar, skont il-leġislazzjoni domestika tagħhom, għandhom ġurisdizzjoni fuq każ, huma aktar komuni. L-Eurojust aġixxa ta' spiss biex jgħin jiġu solvuti xi problemi eżistenti mingħajr ir-reġistrazzjoni ta' talba formali lill-Istati Membri involuti.

Il-laqgħat ta' kordinazzjoni ukoll instabu li kienu għodda prattika u utli bil-

Każ dwar traffikar ta' bnedmin fl-2011 juri kif kunflitti potenzjali ta' ġurisdizzjoni bħal dawn jistgħu jintgħelbu bl-għajnuna tal-Eurojust. Il-każ kellu x'jaqsam mat-traffikar ta' nisa Roma mir-Repubblika Ċeka lejn ir-Renju Unit, fejn kienu jiġu furzati għall-prostituzzjoni. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm investigazzjonijiet kordinati, ġie stabbilit JIT. Waqt lagħat li nżammu għand l-Eurojust, qamu kwistjonijiet dwar kif setgħet tinġabar evidenza ammissibbli u liema ġurisdizzjoni kienet tkun fl-aħjar pożizzjoni biex tmexxi l-każ, għaliex iż-żewġ pajjiżi kellhom raġunijiet tajba biex imexxu l-prosekuzzjoni. L-Eurojust iffaċilità diskussjoni birreqqa dwar ir-regoli ta' ġurisdizzjoni u dwar il-prinċipji applikabbli tal-ammissibiltà tal-evidenza, li wassal għall-konklużjoni li wieħed mill-imsieħba kellu jieħu r-responsabbiltà primarja tal-każ. L-għajnuna tal-Eurojust fil-kisba ta' deċiżjoni ta' malajr dwar il-kwistjoni tal-kunfitt ta' ġurisdizzjoni ippermettiet li r-riżorsi jkunu jistgħu jiffukaw fuq azzjonijiet operattivi immedjati. Wara li ġie riżolt il-kunflitt potenzjali ta' ġurisdizzjoni, ġie stabbilit JIT u, fi żmien tliet xhur, 11-il kap tal-grupp kriminali ġew arrestati.

li ppermettew diskussjoni bikrija u l-ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti involuti f'investigazzjonijiet paralleli. Bl-istess mod, ġew indirizzati u evitati kunflitti ta' ġuridizzjoni bħala riżultat tal-ftehim li ntaħqu fi ħdan l-iskop tal-JITs. B'żieda ma' dan, ir-rwol tal-Eurojust biex jiġu evitati kunflitti ta' ġurisdizzjoni, kultant jieħu l-forma sabiex jippromwovi l-iskambju bikri ta' opinjonijiet informali. Dan ir-rwol ġie msaħħaħ bl-użu ta' linji gwida miktuba li jinsabu fil-Gwida sabiex jiġi deċiż "liema ġurisdizzjoni għandha tmexxi l-prosekuzzjoni?" tal-Eurojust li ġew ippubblikati fir-Rapport Annwali tal-2003. Il-linji gwida jipprovdu introduzzjoni ta' għajnuna ta' kif fatturi involuti f'deċiżjoni għandhom jiġu indirizzati. Dawn jiġu applikati b'mod frekwenti mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

Ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust wera li l-iskambju bikri ta' informazzjoni rigward investigazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin huwa utli biex jgħin fil-prevenzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

L-awtoritajiet tal-Finlandja kienu qed iwettqu investigazzjoni dwar traffikar ta’ droga li kien indirizzat lejn ċittadini Finlandiżi fi Spanja. Meta għeb ċittadin Finlandiż familjari mat-traffikanti suspettati tad-droga, l-awtoritajiet Spanjoli ġew mitluba jibdew mistoqsijiet permezz ta’ talba MLA dwar l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Iċ-ċittadina Finlandiża ġiet maqtula fi Spanja għax kienet avżat lill-awtoritajiet Spanjoli dwar il-grupp ta’ traffikar ta’ droga li kien ipprova jingaġġaha. Dawk suspettati li qatluha kienu lokalizzati fil-Finlandja. L-Eurojust ġie mitlub biex jgħin jirrisolvi l-kunflitt potenzjali bejn Spanja u l-Finlandja dwar fejn kellha ssir il-prosekuzzjoni. Saret laqgħa ta’ kordinazzjoni għand l-Eurojust fejn, wara kunsiderazzjoni legali bir-reqqa, ittieħdet deċiżjoni li Spanja kellha tittrasferixxi l-evidenza kollha li kienet tirriżulta mit-talbiet MLA preċedenti lejn il-Finlandja. L-awtoritajiet Spanjoli qablu wkoll li jittrasferixxu kemm il-proċeduri tagħhom dwar l-omiċidju kif ukoll l-investigazzjoni dwar it-traffikar ta’ droga lejn il-Finlandja ġaladarba il-ħtiġiet legali varji ġew osservati. L-għajnuna tal-Eurojust għenet biex jiġi żgurat li dawk li qatlu jiġu proċessati f’post wieħed kemm għall-omiċidju kif ukoll għall-investigazzjoni dwar traffikar ta’ droga relatata.

### 1.2.8 Trasferiment ta’ proċeduri kriminali

Bażijiet legali differenti jintużaw minn Stati Membri sabiex jiġu trasferiti proċeduri kriminali, li jista’ jwassal għal diffikultajiet legali. L-istrumenti li l-aktar jintużaw biex jiġu trasferiti proċeduri huma l-Konvenzjoni Ewropea tal-1972 dwar it-Trasferiment ta’ Proċeduri f’Materji Kriminali, u l-Konvenzjoni MLA tal-1959 (Artikolu 21) flimkien mal-Artikolu 6(1) l-aħħar paragrafu tal-Konvenzjoni MLA tal-2000. Xi uħud mill-Istati Membri jużaw ukoll il-Konvenzjoni tal-2000 tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (Artikolu 21).

L-Eurojust jiffaċilita kuntatti informali bejn Stati Membri, u bħala parti mill-proċess, is-Sezzjonijiet Nazzjonali jivverifikaw dwar il-possibilità ta’ trasferiment qabel ma ssir talba uffiċjali. Madankollu t-trasferiment ta’ proċeduri jista’ jkun diffiċli għal raġunjiet varji. Fost affarijiet oħra: l-evidenza miġbura għandha tkun ammissibbli fil-qorti tal-Istat Membru mitlub, għalkemm ħafna drabi miksuba f’format mhux familjari u soġġetta għal regoli proċedurali differenti; għandu jiġi stabbilit interess ċar min-naħa tal-Istat Membru mitlub biex jaċċetta t-trasferiment tal-proċeduri; u għandha tiġi indirizzata mistoqisja sempliċi iżda importanti, jiġifieri li l-faxxikolu sħiħ għandu jiġi tradott.

### 1.2.9 Skambju ta’ rekords kriminali

Għalkemm rekords kriminali normalment jiġu skambjati bejn Stati Membri, l-Eurojust ġie mitlub biex jiffaċilita dan l-iskambju f’każijiet urġenti. F’każ minnhom, kienet informazzjoni meħtieġa minn qorti nazzjonali biex tkun tista’ tingħata sentenza xierqa fuq persuna perikoluża mixlija b’reati sesswali, li kellha sentenzi oħra għal reati simili fi Stat Membru ieħor. Ir-rekords disponib-

bli permezz tal-kanali tas-soltu ma kienx fihom dettalji u preċiżjoni suffiċjenti fir-rigward tal-klassifikazzjoni legali tar-reati. Permezz ta' kuntatt dirett mal-awtoritajiet ġudizzjarji, l-Eurojust seta' jipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex tintuża mill-qorti li kellha tagħti s-sentenza lil persuna akkużata b'reat sesswali fi ftit sigħat. Iżda, jista' jkun hemm dewmien meta Stat Membru ma jkollux *database* ċentralizzata ta' rekords kriminali, bħalma jiġri meta r-rekords huma miżmuma minn awtoritajiet nazzjonali differenti (eż. l-awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji).

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju ta' informazzjoni miksub mir-rekord kriminali bejn Stati Membri, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI dwar l-istabbiliment ta' Sistema ta' Informazzjoni ta' Rekord Kriminali Ewropew (ECRIS), għad iridu jiġu implimentati fl-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest, ġew identifikati diffikultajiet meta l-istess aġir hu kategorizzat taħt tipi differenti ta' kriminalità fl-Istati Membri. L-Iskambju ta' informazzjoni jista' wkoll ikun ta' użu limitat meta ssir referenza għal disposizzjoni legali fil-legislazzjoni domestika mingħajr spjegazzjoni ċara tal-elementi tar-reat kriminali.

L-awtoritajiet Taljani kienu qed iwettqu investigazzjoni fuq grupp ta' kriminalità organizzata li kien involut fil-kuntrabandu tat-tabakk, falsifikar ta' dokumenti u l-għoti ta' assistenza legali lill-membri tiegħu li ġew arrestati. Waqt punt kritiku matul l-investigazzjoni, saret neċessarja operazzjoni mifruxa fost l-UE, li tinvolvi l-eżekuzzjoni kordinata ta' EAWs u tfitxxijiet fil-preżenza ta' uffiċjali Taljana sabiex l-evidenza miġbura tkun ammissibbli fil-proċeduri tal-qorti sussegwenti. L-Eurojust ġie mitlub jgħin fil-kordinazzjoni f'ħames Stati Membri oħra (l-Awstrija, il-Ġermanja, Greċja, Spanja u l-Islovenja) madwar 40 siegħa qabel ma bdiet l-operazzjoni.

L-azzjoni urġenti kienet essenzjali sabiex jiġu sinkronizzati l-arresti EWA, biex tiġi preżervata l-evidenza, u b'hekk jiġi żgurat illi l-qorti fejn kellhom isiru l-proċeduri, jkollha stampa sħiħa tal-attivitajiet tal-grupp ta' kriminalità organizzata. F'operazzjoni ta' suċċess kbir, f'20 siegħa, l-Eurojust ġabar flimkien l-awtoritajiet involuti tal-Istat Membru sabiex l-EAWs u l-ittri rogatorji jiġu maħruġa u awtorizzati; dan assigura li l-kuntatt inżamm bejn l-Istati Membri matul l-operazzjoni, u li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi Taljani ġew mogħtija permess biex jidħlu fil-postijiet varji ta' tiftix.

### 1.2.10 Mandati ta' Arrest Ewropew

Fl-2011, 263 każ li kellhom x'jaqsmu mal-EAW ġew reġistrati għand l-Eurojust, kważi 18% tal-każijiet kollha tal-Eurojust, segwita mis-Sezzjoni tar-Renju Unit u dik tal-Italja. Kważi l-każijiet kollha kienu talbiet għal għajnuna lill-Eurojust sabiex jgħin jiffaċilita l-eżekuzzjoni tal-EAWs. L-aktar li għamlet talbiet kienet is-Sezzjoni Pollakka tal-Eurojust, segwita mis-Sezzjoni Franċiża. Is-Sezzjoni



*Mandat ta' Arrest Ewropew*

Spanjola irċeviet l-iktar talbiet, segwita mir-Renju Unit u mill-Italja.

Il-Kulleġġ ittratta wkoll ma' tliet kwistjonijiet aktar ġenerali relatati mal-applikazzjoni tal-EAW. L-ewwel kwistjoni ttrattat mal-ġbir ta' informazzjoni dwar kif Stati Membri jittrattaw fil-prattika mar-ritorn ta' ċittadini li jintbagħtu lura jew ir-ritorn ta'residenti lejn l-Istat Membru li jkun qed jeżegwixxi (skont l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropej (Deċiżjoni Qafas tal-EAW)). It-tieni kwisjoni kkundisrat jekk l-EAW għandux jiġi kategorizzat bħala li ġie maħruġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew fl-għoti ta' sentenza meta jkun jeżisti għal proċess mill-ġdid wara li l-persuna tkun intbagħtet lura. It-tielet kwistjoni kellha x'taqsam mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni Prattika tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI li temenda d-Deċiżjoni Qafas dwar l-EAW, u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar drittijiet wara li persuni jkunu instabu ħatja *in absentia*.

*Każijiet li jikkonċernaw talbiet għal EAW multipli (Artikolu 16(2), Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW)*

Skont l-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-EAW, l-Eurojust jista' jkun mitlub mill-awtorità ġudizzjarja li tkun qed teżegwixxi sabiex jagħti parir dwar fejn persuna għandha tintbagħat lura meta din tkun soġġetta għal EAWs maħruġa minn żewġ Stati Membri jew aktar.

Fl-2011, l-Eurojust ġie mitlub biex jagħti parir fuq erba' każijiet skont l-Artikolu 16(2). F'kull każ, l-Eurojust għen sabiex jiżgura ftehim bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha dwar l-esekuzzjoni tal-EAWs. F'każ minnhom, l-Eurojust ipproduċa opinjoni raġunata fi żmien 24 siegħa, li ġiet segwita mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, li ppermetta li l-persuna suspettata tidher għal proċeduri kriminali ftit jiem wara.

L-Eurojust ta' spiss għen fi stadju bikri (u fil-laqgħat ta' kordinazzjoni) fil-verifika ta' EAWs li x'aktarx jikkompetu, u għalhekk għen biex jiġi evitat il-ħruġ ta' numru kbir ta' talbiet sabiex tiġi mibgħuta lura l-istess persuna.

F'Ġunju tal-2011 il-Kulleġġ adotta il-Linji gwida għall-proċeduri interni dwar l-għoti ta' opinjoni mill-Eurojust f'każ ta' EAWs li jikkompetu ma' xulxin f'każijiet fejn l-Eurojust jintalab jagħti opinjoni skont l-Artikolu 16(2).

*Każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ksur tat-terminu perentorju (Artikolu 17(7), Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW).*

Skont l-Artikolu 17(7) tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-EAW, meta Stat Membru ma jistax josserva t-termini perentorji previsti fl-Artikolu 17 hu għandu jinforma lill-Eurojust waqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien.

Fl-2011, ġew irrapurtati lill-Eurojust 116 ksur ta' termini perentorji. L-Irlanda bagħtet l-akbar numru ta' notifiki reġistrati skont l-Artikolu 17(7). Spanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Isvezja, ir-Repubblika Slovakka, il-Bulgarija u l-Estonja ukoll bagħtu notifiki lill-Eurojust. Kif ġie nnotat f'Rapporti Annwali preċedenti, ir-rispons minn seba' Stati Membri biss ma jfissirx li l-oħrajn kollha osservaw it-termini perentorji tal-EAW. Statistiċi tal-UE jindikaw li jkun hemm aktar ksur minn dawk reġistrati mal-Eurojust.

It-talba għal informazzjoni addizzjonali (meħtieġa biex jiġi eżegwit EAW) kienet ir-raġuni prinċipali għall-ksur ta' termini perentorji skont ir-rapporti. Il-ħtieġa għat-traduzzjoni ta' dokumenti rilevanti, il-volum ta' talbiet lill-Stati Membri partikolari, u riżorsi limitati fl-Istati li jeżegwixxu ukoll jikkawżaw dewmien fl-esekuzzjoni.

*Kwistjonijiet identifikati fl-applikazzjoni prattika tal-EAW*

F'każijiet urġenti (li ta' spiss jinħolqu għax persuni li jaħarbu minn EAW ta' frekwentement jinsabu f'detenzjoni preventiva), l-Eurojust kompla jeżegwixxi rwol prinċipali fil-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, billi kkjarifika l-ħtiġiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji li jeżegwixxu, u b'mod ġenerali billi ffaċilita l-esekuzzjoni ta' malajr ta' EAWs.

Il-prattikanti qed isiru aktar u aktar familjari mal-applikazzjoni ta' dan l-istrument, b'ċerti problemi jiġu deskritti bħala prattiċi (traduzzjonijiet nieqsa jew ħżiena, informazzjoni nieqsa, eċċ) u mhux ta' natura legali. Madankollu, qamu diffikultajiet legali, bħal ma huma l-applikazzjoni ta' regoli ta' speċjalità u ta' proporzjonalità u differenzi fit-tifsiriet ta' reati. Bħala eżempju, il-frodi tal-VAT mhix imfissra bħala reat li jaffettwa l-interess finanzjarji tal-EU fl-Istati Membri kollha. Din id-differenza tista' twassal għal dewmien, għaliex ikun meħtieġ li tiġi stabbilita kriminalità doppja f'ċerti Stati Membri, waqt li f'oħrajn ma tkunx meħtieġa l-verifika ta' kriminalità doppja minħabba fl-Artikolu 2.2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-EAW.

Bħala eżempji ta' diffikultajiet kemm prattiċi kif ukoll legali, il-kwistjonijiet li ġejjin ġew identifikati mill-Eurojust waqt ix-xogħol tiegħu fuq il-każijiet:

- Informazzjoni nieqsa fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-fatti jew tar-reati kriminali fl-EAW.
- Nuqqas ta' informazzjoni dwar is-sentenza li għaliha nħarġet l-EAW.
- Nuqqas informazzjoni preċiża fir-rigward tal-perjodu ta' żmien li persuna tista' tkun diġà għamlet taħt kustodja fl-Istat li eżegwixxa qabel ma ingħatat

Fil-każ *Istanek v. District Court of Přerov*, qorti tar-Renju Unit kellha bżonn tiddeċiedi jekk EAW kellux jiġi kategorizzat bħala li nħareġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenzja ta' kustodja jew għal ordni ta' detenzjoni, meta kien hemm id-dritt ta' proċess mill-ġdid wara li persuna tkun inbagħtet lura (il-każ kien jinvolvi sentenza mogħtija in absentia). L-awtoritajiet domestiċi ma qablux fuq il-punt u konsegwenzi proċedurali importanti (inkluża t-tneħħija possibbli tal-mandat) rriżultaw mid-deċiżjoni li kellha tittieħed. Meta ġew ikkunsidrati d-deċiżjonijiet kunfliġġenti fil-liġi nazzjonali tagħha, il-qorti tar-Renju Unit staqsiet lill-Eurojust dwar il-liġi u l-prassi fi Stati Membri oħra. Fi żmien ta' ftit sigħat wara li saret it-talba, l-Eurojust ipprovda informazzjoni dwar kif il-qrati nazzjonali fi Stati Membri oħra jipproċedu f'sitwazzjoni bħal din. Is-Sezzjoni Ċeka wkoll tat parir dwar iċ-ċirkostanzi, skont il-liġi tagħha, li fihom persuna li tkun instabet ħatja *in absentia* tista' titlob għal proċess mill-ġdid, u b'estensjoni ta' dan jekk id-deċiżjoni tal-qorti Ċeka f'dan il-każ partikolari setgħetx tiġi meqjusa bħala finali. L-għajnuna tal-Eurojust żgurat li l-materjal dwar il-prassi ġenerali f'ġurisdizzjonijiet oħra fl-UE u l-prassi partikolari fi Stat Membru wieħed kienet disponibbli malajr u b'mod effettiv għall-konsiderazzjoni ta' qorti nazzjonali.

lura, u l-inċertezza konsegwenzjali dwar iż-żmien li jkun fadal tas-sentenza li għandu jiġi skontat fl-Istat Emittenti.

- Sentenzi mogħtija *in absentia* u l-approċċi differenti għad-dritt ta' proċess mill-ġdid; l-implimentazzjoni minn xi uħud mill-Istati Membri, tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI li temenda d-Deċiżjoni Qafas dwar l-EAW dwar id-dritt ta' proċess mill-ġdid, tista' tipprovdi soluzzjoni rigward din il-kwistjoni.
- In-nuqqas li jiġi notifikat it-teħid lura ta' EAW f'ħin xieraq, speċjalment meta l-persuna mitluba tkun ġiet arrestata.
- Każijiet fejn ma ingħatatx l-ebda raġuni għaliex ma ġietx eżegwita l-EAW, ukoll wara li l-persuna ġiet rilaxxata.
- Telf finanzjarju u telf ieħor għall-Istat emittenti meta l-persuna li tkun intbagħtet lura skont l-ordni ġiet rilaxxata fuq pleġġ, iżda naqset milli tidher kif ordnata; jew meta f'każijiet ta' kustodja tkun inbagħtet lura persuna bi żball lejn l-Istat li jkun qed jeżegwixxi.
- Rifjut li persuna tintbagħat lura temporanjament, li jista' b'mod serju jostakola l-progress tal-investigazzjoni fl-Istat emittenti.
- L-użu ta' kanali differenti għat-trasmissjoni tal-EAW, mingħajr notifika li qed tintbagħat permezz ta' kanal partikolari.
- Dewmien biex jiġi riċevut il-kunsens biex issir il-prosekuzzjoni ta' reati addizzjonali (skoperti wara) (regola ta' speċjalità, l-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Qafas tal-EAW.

L-Eurojust ta' spiss jagħmel użu tajjeb mir-relazzjonijiet koperattivi tiegħu mal-uffiċċji dwar Talbiet għal Informazzjoni Supplimentari fir-Reġistrazzjoni Nazzjonali (SIRENE). Il-kompitu prinċipali ta' dawn l-uffiċċji, stabbiliti fl-Istati kollha ta' Schengen, huwa l-iskambju addizzjonali dwar twissijiet bejn l-Istati Membri. L-unitajiet tas-SIRENE kellhom rwol importanti fl-eżekuzzjoni prattika tal-EAWs.

Is-sid benefiċjarju ta' kumpannija Spanjola prinċipali ta' investiment b'interessi f'ħafna oqsma ta' negozju differenti (petrol, gass, agrikoltura, proprjetà immobbli u intrapriżi tal-ikel, fost oħrajn) ġiet investigata, flimkien ma' tmienja oħra, fi Spanja u fil-Belġu għal frodi ta' taxxa, ħasil tal-flus u parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Avukati minn ditta magħrufa ġew mixlija li allegatament stabbilixxew netwerk ta' kumpanniji u transazzjonijiet finanzjarji fil-Panama, l-Antilli Olandiżi, l-Olanda u l-Iżvizzera sabiex jaħbu s-sjieda tal-attiv. Il-persuna suspettata prinċipali kienet suspettata li evadiet ammont ta' €2 biljun f'taxxa. L-Eurojust żamm żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali minn Spanja, il-Belġju u r-Renju Unit, li wasslu għal ftehim fuq l-istrateġija ta' prosekuzzjoni u l-azzjonijiet legali li kellhom jittieħdu f'dan il-każ kumpless. S'issa, ġew miżmuma attiv ta' €112 miljun fil-Belġju u €10 miljun fir-Renju Unit.

**1.2.11 Ordnijiet ta' iffriżar**

Jeżistu ftit eżempji dwar l-użu tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsil 2003/577/ĠAI dwar l-iffriżar ta' proprjetà jew evidenza fl-Unjoni Ewropea fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust. Minkejja li ħafna Stati Membri implimentaw id-dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji qed ikomplu jużaw il-forom tradizzjonali tal-MLA biex isiru talbiet għal ordnijiet ta' iffriżar.

Din is-sitwazzjoni tista' teżisti għaliex l-ordni ta' iffriżar skont id-Deċiżjoni Qafas ikun jidher bħala komplikat, u l-kampjun provdut għal dan l-ordni fid-Deċiżjoni Qafas ma tantx jintuża faċilment. Ħafna mill-prattikanti jikkunsidraw ukoll li l-ordni ta' iffriżar għandu kamp ta' applikazzjoni limitat u għalhekk isibu li għażla aktar mgħaġġla u faċli hi li jinkludu t-talbiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' każ kriminali, bħal ma huma talbiet għal tiftix, interċettazzjonijiet ta' telekomunikazzjonijiet u qbid, f'ittra rogatorja skont il-Konvenzjonijiet MLA tal-1959 u tal-2000. Problema aktar fundamentali hija d-diffikultà biex jinħareġ ordni ta' iffriżar meta tiġi skoperta evidenza waqt xi tfittxija li l-awtoritajiet emittenti ma kienux jafu biha qabel.

Fl-esperjenza tal-Eurojust rigward xogħol fuq il-każijiet, prattikanti għandhom tendenza li jużaw aktar ordni ta' iffriżar jekk l-Istat emittenti jaġixxi minnufih meta jirċievi l-ordni. Hawnhekk, l-Eurojust jipprovdi servizz utli billi jagħti parir lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-prattiċi differenti fl-Istati Membri dwar il-prijorità li tingħata għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' iffriżar. Ġie rapportat li f'dawk il-pajjiżi



*Traffikar ta' droga – kunsinna kontrollata*

fejn hemm reġistri ta' banek ċentrali, l-informazzjoni rigward kontijiet bankarji li għandhom x'jaqsmu ma' persuna suspettata tista' tkun disponibbli aktar malajr, u b'hekk tippermetti l-esekuzzjoni mgħaġġla ta' talbiet għall-iffriżar.

### 1.2.12 Konfiska u rkupru ta' attiv

Stat Membru wieħed jista' jiffaċċja dewmien u ostakoli oħra biex jirkupra attiv minn Stat Membru ieħor. Problemi rigward koperazzjoni jistgħu jeżistu minħabba f'differenzi bejn regoli ta' konfiska sostantivi u proċedurali tal-Istati Membri. Ftit mill-Istati membri jippermettu t-teħid ta' attiv kriminali ukoll jekk ma tkunx ġiet reġistrata ebda kundanna f'proċeduri kriminali (teħid ta' attiv mhux ibbażat fuq sejbien ta' ħtija (NCB)), iżda l-maġġoranza tal-Istati Membri ma jippermettux dan. Din is-sitwazzjoni għandha l-konsegwenzi ovvji fir-rigward għall-infurzar transkonfini jekk Stat Membru li jkun qed juża teħid ta' assi NCB jitlob l-infurzar fi Stat Membru li ma jippermettix dan. Fuq livell prattiku jinħolqu diffikultajiet min-nuqqas f'ċerta proprjetà li tappartjeni lil persuni suspettati, kif ukoll minn diffikultajiet biex jintlaħaq ftehim dwar it-tqassim tal-attiv. Fl-2011, l-Eurojust kompla jassisti l-awtoritajiet nazzjonali fl-isforzi tagħhom biex jikkonfiskaw u jibgħatu lura r-rikavat mill-kriminalità u biex jgħin biex jiġu solvuti xi uħud mid-diffikultajiet fuq imsemmija. Fl-2011 ġew konfiskati ammonti konsiderevoli ta' attiv (eż proprjetà immobbli, oġġetti lussużi) u flejjes f'każijiet reġistrati għand l-Eurojust.

### 1.2.13 Kunsinni kontrollati

L-Eurojust kompla jassisti Stati Membri fl-isforzi tagħhom biex jeżegwixxu kunsinni kontrollati transkonfini matul l-2011. Skont l-Artikoli 9ċ u 9d tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, Membri Nazzjonali bħala l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri tagħhom jistgħu jingħataw is-setgħa li jawtorzzaw u jikkordinaw kunsinni kontrollati.

Bħala teknika ta' investigazzjoni, kunsinni kontrollati huma effettivi speċjalment f'każijiet ta' traffikar ta' droga. Dawn jipprovdu mezz li bih il-kapijiet ta' grupp ta' kriminalità organizzata, jistgħu jinġiebu quddiem il-ġustizzja minflok il-kurriera. Jibqgħu jeżistu differenzi kbar bejn il-leġislazzjoni u l-prassi tal-Istati Membri dwar kunsinni kontrollati, li jista' joħloq problemi fil-koperazzjoni internazzjonali, kemm fuq livell ta' infurzar tal-liġi kif ukoll fuq livell ġudizzjarju.

Azzjoni ta' malajr hija dejjem meħtieġa f'kunsinni kontrollati, għax kull dewmien jista' jikkomprometti l-effettività tal-ope-

razzjonijiet. Jistgħu jinħolqu diffikultajiet prattiċi fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni tal-użu ta' kunsinni kontrollati. F'xi uħud mill-Istati Membri, hi meħtieġa l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal kunsinni kontrollati waqt li f'xi Stati oħra l-pulizija tagħti din l-awtorizzazzjoni. L-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru tista', għalhekk, tkun problematika. Waqt is-*seminar* tal-Eurojust dwar traffikar ta' droga li nżamm f' Ottubru tal-2011, ġew sottomessi proposti biex jiġu maħtura punti ta' kuntatt ċentrali f'kull Stat Membru (possibbilment fuq livell ġudizzjarju) sabiex jawtorizzaw kunsinni kontrollati, f'tentattiv biex tiġi indirizzata l-problema.

L-Eurojust għen f'dawn il-problemi b'mod ġenerali u partikolarment f'dawk li kienu jinvolvu l-ammissibbiltà ta' evidenza. L-awtorizzazzjoni xierqa tal-kunsinna stess tista' direttament taffettwa l-ammissibbiltà, bħal ma tista' wkoll il-proporzjonalità tal-mezzi intrużivi ta' sorveljanza u affarijiet simili. Wieħed jiltaqa' wkoll mal-problema ta' sostituzzjoni tad-droga qabel ma titwettaq kunsinna kontrollata. Il-leġislazzjoni ta' xi uħud mill-Istati Membri tippermetti din is-sostituzzjoni, waqt li oħrajn ma jippermettuhiex. Il-kunsinni kontrollati li jinvolvu Stati terzi huma partikolarment diffiċli biex jiġu organizzati, u l-Eurojust għen prattikanti fi Stati Membri billi bbaża ruħu

Bosta Stati Membri fl-Ewropa Ċentrali kienu qed jinvestigaw grupp ta' kriminalità organizzata li kien qed jissupplixxi *acetic anhydride* lill-assoċjati tiegħu fit-Turkija, li hu prekursur essenzjali għall-produzzjoni tal-eroina. L-investigazzjoni kienet stabbiliet li kienu involuti aktar minn 30 tunnellata tal-prekursur. (Madwar 400-600kg ta' eroina tista' tiġi prodotta minn tunnellata waħda ta' *acetic anhydride*.) L-eroina manifatturata kienet imbagħad tiġi mqassma għall-bejgħ fl-Unjoni Ewropea. Tentattivi preċedenti sabiex tiġi organizzata kunsinna kontrollata tal-prekursur fit-Turkija ma kellhomx suċċess.

Meta l-awtoritajiet Slovakki rċevew informazzjoni dwar pjan ġdid biex jintbagħtu bil-baħar 10 tunnellati ta' *acetic anhydride* lejn it-Turkija u jirċievu kunsinna lura ta' 300 kg ta' eroina mill-Italja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, l-Ungerija, ir-Repubblika Slovakka u l-Awstrija, huma għamlu kuntatt mal-Eurojust sabiex tiġi mħejjija kunsinna kontrollata transkonfini taħt superviżjoni ġudizzjarja. L-Eurojust involva l-Europol għal għoti ta' analiżi ta' għarfien imqabbel, bir-riżultat li ġew stabbiliti konnsessjonijiet ma' investigazzjonijiet f'pajjiżi oħra. F'Novembru tal-2011, il-pajjiżi kollha affettwati (inkluża t-Turkija) attendew laqgħa ta' kordinazzjoni għand l-Eurojust biex jiftiehmu fuq pjan ta' azzjoni. Il-kunsinna kontrollata ta' *acetic anhydride* mifruxa fuq l-Istati Membri kompliet kif kien ġie miftiehem iżda la darba waslet fit-Turkija l-merkanzija ġiet maqbuda u x-xufier innoċenti tat-trakk ġie arrestat, kontra l-ftehim li kien ġie milħuq fil-laqgħa ta' kordinazzjoni. L-Eurojust kellu rwol kruċjali u attiv biex jiġi rilaxxat ix-xufier tat-trakk. Minkejja l-operazzjoni ma setgħetx titkompla fit-Turkija, tmien kapijiet ta' grupp kriminali ġew arrestati fl-Unjoni Ewropea, u b'kollox inqabdu 32 tunnellata *acetic anhydride*, flimkien ma' drogi, armi tan-nar illegali u dokumenti foloz.

fuq l-esperjenza tiegħu ta' operazzjonijiet transkonfini lil hinn mill-Unjoni Ewropea.

Fl-2011 l-Eurojust għen regolarment fil-kjarifikazzjoni ta' ħtiġiet legali għal kunnsinni kontrollati fi Stati Membri speċifiċi. F'każ minnhom il-kunsinna kontrollata ma setgħetx tiġi eżegwita, għax it-talba ma pprovdietx id-dettalji meħtieġa skont il-leġislazzjoni domestika tal-pajjiż mitlub. Sabiex jiġu evitati dawn id-diffikultajiet, Stati Membri jistgħu jsibu li jkun utli li jirreferu każijiet lill-Eurojust sabiex jistgħu jiġu abbozzati ittri rogatorji dwar kunsinni kontrollati biex josservaw il-ħtiġiet legali speċifiċi ta' kull Stat Membru li minnu dik il-kunsinna ser tgħaddi.

## 1.3 Koperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma ta' prijorità ta' kriminalità

### 1.3.1 Terroriżmu

27 każ li kellhom x'jaqsmu mat-terroriżmu, inklużi każijiet ta' finanzjar ta' terroriżmu, ġew reġistrati għand l-Eurojust fl-2011, u l-ġlieda kontra t-terrorriżmu ġiet ittrattata bħala prijotià fix-xogħol operattiv. In-numru ta' każijiet relatati mat-terroriżmu fl-2011 kien bħal dak tal-2010 (28). Saret laqgħa ta' kordinazzjoni fuq każ li kellu x'jaqsam mat-terrorriżmu (bil-parteċipazzjoni tal-Europol). Ġie stabbilit JIT sabiex jappoġġa investigazzjoni transnazzjonali u JIT ieħor, li ġie stabbilit fis-snin preċedenti u għadu jopera.

Fuq il-bażi ta' informazzjoni li l-Eurojust rċieva mingħand korrispondenti nazzjonali għat-terrorriżmu skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 kif ukoll permezz ta' sorsi miftuħa, l-Eurojust ħareġ tliet edizzjonijiet tal-Monitoraġġ tiegħu ta' Sentenzi dwar it-Terrorriżmu fl-2011. L-edizzjoni tidentifika każijiet ta' interess ġenerali tal-UE f'materji ta' terrorriżmu u l-aħjar prassi permezz ta' analiżi tal-każjiet ġudizzjarju, u tgħaddi informazzjoni fuq żviluppi leġislattivi f'dan il-qasam.

Permezz tat-Tim tiegħu ta' Kontra t-Terrorriżmu, l-Eurojust jorganizza laqgħat ta' tattika u ta' strateġija, liema laqgħat jiġbru flimkien maġistrati ewlenien u esperti fuq il-liġi dwar it-terrorriżmu biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom bil-għan li jgħinu lil min jieħu deċiżjonijiet fl-UE sabiex il-kordinazzjoni fil-ġlieda kontra t-terrorriżmu tkun aktar effettiva. Laqgħat dwar tattika rigward "Kwistjonijiet dwar Reati Vjolenti Uniċi ta' Estremiżmu/Terroriżmu" saret f'April tal-2011. F'Lulju l-laqgħa strateġika annwali tal-korrispondenti nazzjonali kollha dwar kwistjonijiet ta' terroriżmu eżaminat ir-riżultati ta' kwestjonarju provdut mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-UE dwar l-użu tal-internet minn estremisti Islamiċi, u ħadmu fuq analiżi tal-każ.

L-Eurojust ikkontribwixxa għar-rapport Annwali tal-Kordinator tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; għal studju mibdi mill-Parlament Ewropew dwar *Spejjeż stmati għat-teħid ta miżuri kontra t-terrorriżmu fl-UE*; u għar-Rapport tal-2011 tal-Europol dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejra tat-Terroriżmu (TE-SAT). L-Eurojust ingħata status ta' Osservatur fili-laqgħat tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Terrorriżmu (CODEXTER).

### 1.3.2 Traffikar tad-Droga

Fl-2011, ġew reġistrati 242 każ dwar traffikar ta' droga, liema każijiet għamlu t-traffikar ta' droga l-aktar tip frekwenti ta' reat fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust, billi jirrappreżenta 16.8% tat-total. In-numru ta' każijiet naqas ftit meta mqabbel mal-2010 (254), għalkemm in-numru ta' laqgħat ta' kordinazzjoni li saru f'każijiet dwar traffikar ta' droga żdied minn 39 (2010) għal 50 (2011). Ġew mibdija 7 JITS dwar każijiet ta' traffikar ta' droga fl-2011, meta paragunati ma' tlieta biss fl-2010.

Flimkien mal-Presidenza Pollakka tal-Unjoni Ewropea, l-Eurojust organizza seminar ta' strateġija fi Krakovja f'Ottubru tal-2011, fil-qafas tal-proġett dwar *Titjib tax-xogħol tal-Eurojust f'każijiet ta' traffikar ta' droga*. Il-proġett analizza u vvaluta *data* u r-riżultati tal-laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust dwar każijiet ta' traffikar ta' droga bejn l-1 ta' Settembru 2008 u l-31 ta' Awwissu 2010, biex jiġu identifikati l-isfidi u s-soluzzjonijiet prinċipali. Ir-rapport finali tal-proġett li fih id-diskussjonijiet tas-seminar ta' Krakovja u r-riżultati tal-analiżi tax-xogħol fuq il-każjiet ser ikun disponibbli fl-2012.

F'Awwissu tal-2010, il-pulizija Franċiża waqqfet trakk li kien fih aktar minn 2,000 kg ta' kannabis. Ġew stabbiliti konnessjonijiet mal-Belġju, l-Olanda, il-Litwanja u l-Estonja, u l-Eurojust ġie mitlub jgħin. Tliet laqgħat ta' kordinazzjoni saru għand l-Eurojust, bil-parteċipazzjoni tal-Europol, sabiex jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni mmirata għan-netwerk kriminali kollha. L-iskambju ta' informazzjoni żvela li kien involut grupp Olandiż ta' kriminalità organizzata u li kellu jiġi stabbili JIT. Dan seħħ fi Frar tal-2011, u l-JIT irċieva fondi mill-Eurojust biex jappoġġa l-attivitajiet operattivi tiegħu. F'Mejju tal-2011, saru bosta arresti fil-Belġju u fi Franza u ġew eżegwiti mandati ta' tiftix fl-Olanda, biex b'hekk il-grupp kriminali ġie mxekkel b'suċċess.




*Żjara tas-Sinjura Myria Vassiliadou, il-Kordinatriċi tal-UE ta' Kontra t-Traffikar (Kummissjoni Ewropea)*

Il-Faxxikoli ta' Analisi tal-Europol (AWFs) janalizza data fir-rigward ta' tipi partikolari ta' kriminalita'. L-Eurojust issa hu assoċjat mal-Faxxikoli ta' Xogħol ta' Analisi tal-Europol (AWFs) kollha li jittrattaw fuq traffikar ta' droga (AWF Eroina u AWF Kannabis fl-2011). L-Eurojust kkontribwixxa wkoll fl-abbozzar tal-Patt Ewropew dwar drogi sintetiċi u għas-seminars tal-Kummissjoni biex tiġi riveduta l-leġislazzjoni tal-UE

Organizzazzjoni kriminali li l-kapjiet tagħha kienu kważi kollha ċittadini Vjetnamiżi pprovdiet dokumenti foloz lil immigranti illegali u daħħlithom b'mod klandestin fl-Unjoni Ewropea mill-Ewropa ta' Lvant. Grupp konness ta' Kurdi Iraqini daħħlu klandestinament dawk l-immigranti li kienu waslu l-Belġju u Franza fir-Renju Unit, bi prezz ta' €2,000 u €3,000 għal kull daħla illegali. Sabiex ikompli l-każ, li kien mifrux mal-Unjoni Ewropea kollha u li kellu konnessjonijiet ma' Stati Terzi, l-Eurojust ġie mitlub jassisti minn imħallef inkwirenti Franċiż f'Lille.

L-Eurojust organizza laqgħat ta' kordinazzjoni mal-awtoritajiet kollha konċernati. Sar ftehim dwar il-ġurnata ta' meta kellha tittieħed azzjoni konġunta kontra l-grupp ta' kriminalità organizzata bl-użu tal-Eurojust bħala ċentru ta' kordinazzjoni u ttieħdu deċiżjonijiet dwar fejn kienu ser isiru l-prosekuzzjonijiet. Appoġġati u kordinati mill-Eurojust u mill-Europol, uffiċjali tal-pulizija u maġistrati inkwirenti ħadu azzjoni fi Franza, fir-Renju Unit, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja u fl-Ungerija. L-Eurojust ta pariri dwar l-ħruġ minnufih u l-esekuzzjoni ta ittri rogatorju u ta' mandati; ġew arrestati 30 kap suspettat; ġew eżegwiti EAWs u tfittxijiet; u għalkemm ma kienitx il-mira prinċipali tal-investigazzjoni, ġie skopert razzett fejn kien hemm il-koltivazzjoni tal-kannabis fuq skala kbira ġewwa l-istess razzett u l-produzzjoni ġiet mxekkla.

dwar it-traffikar ta' droga. Barra minn dan, l-Eurojust saħħaħ il-koperazzjoni tiegħu maċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew dwar Drogi u l-Vizzju tad-Drogi (EMCDDA) (żjarat reċiproċi saru matul l-2011); u kompla jipprovdi appoġġ lil CEPOL fil-korsijiet ta' taħriġ tiegħu.

### 1.3.3 Traffikar ta'Bnedmin

Fl-2011, ġew reġistrati 79 każ ta' THB, li l-maġġoranza tagħhom kienu konnessi ma' traffikar għal sfruttament sesswali. Waqt li kien hemm tnaqqis żgħir ta' każijiet meta mqabbel mal-2010 (87 każ), il-laqgħat ta' kordinazzjoni f'dan il-qasam kważi rduppjaw, minn 13 fl-2010 għal 24 fl-2011. Fit-total, ġew mibdija sitt JITs fuq każijiet tat-THB matul l-2011.

Fit-18 ta' Ottubru tal-2011, taħt l-awspiċi tal-Presidenza Pollakka, l-Eurojust u Aġenziji oħra tal-ĠAI (CEPOL, l-Uffiċċju Ewropew għall-Appoġġ dwar l-Asil, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi, l-Europol, l-Aġenzija dwar Drittjiet Fundamentali (FRA) u l-Frontex) ħadu sehem fil-5 Ġurnata tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar mal-Kordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar. Dan l-avveniment inkluda dibattitu bejn il-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI, Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata mill-Eurojust u korpi oħra, u tliet *workshops*. L-Eurojust, flimkien mal-Europol, ippresjeda l-*workshop* dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni dwar reati tat-THB.

Xi uħud mill-awtoritajiet jikkunsidraw li ma ssirx investigazzjoni jew prosekuzzjoni suffiċjenti tat-THB, billi l-vittmi jiġu trattati bħala li jkunu qed iwettqu r-reati

ta' prostituzzjoni jew ta' immigrazzjoni illegali. Sabiex tiġi eżaminata s-sitwazzjoni, it-Tim tal-Eurojust dwar it-Traffikar u Reati Relatati, beda proġett strateġiku, l-*Azzjoni tal-Eurojust kontra it-traffikar ta' bnedmin*, li l-għan tiegħu hu li jidentifika l-ostakoli possibbli legal u prattiċi biex issir il-prosekuzzjoni ta' THB fl-Unjoni Ewropea u biex joffri soluzzjonijiet. Dan il-proġett ser jitlesta fl-2012.

### 1.3.4 Frodi

Fl-2011 ġew reġistrati 218-il każ ta' frodi, żieda fuq in-numru ta' 204 każ fl-2010. "Il-frodi" tikkomprendi tipi ta' reati varji, inklużi frodi tat-taxxa, frodi bil-kompjuter, frodi dwar ħlasijiet minn qabel, approprijazzjoni indebita ta' attiv korporali u frodi fuq il-VAT. In-numru ta' laqgħat ta' kordinazzjoni f'każijiet ta' frodi żdied minn 17 fl-2010 ghal 58 fl-2011. Inbdew erba' JITs fl-2011 biex jiffacilitaw investigazzjonijiet f'kazijiet ta' frodi.

Fil-kategorija ġenerali ta' frodi, frodi fit-taxxa fuq il-valur miżjud kienet l-iktar tip ta' frodi li twettqet; 24 laqgħat ta' kordinazzjoni fl-2011 ffukaw fuq dan ir-reat, forsi dan jirrifletti l-impatt li dan ir-reat għandu fuq id-dħul tal-Istati Membri.

Fl-2011, it-Tim tal-Eurojust kontra reati finanzjarji u ekonomiċi ffinalizza proġett strateġiku dwar it-Titjib ta' skambju ta' informazzjoni u MLA bejn l-awtoritajiet ġudizzjari tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-frodi tal-VAT. Prattikanti mill-Istati Membri kollha u mill-Europol attendew seminar ta' strateġija, liema seminar inżamm fit-28 ta' Marzu, biex jiġu identifikati ostakoli legali u prattiċi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' frodi tal-VAT partikolarment 'l hekk imsejjħa frodi ċirkolari. Ġew formulati rakkomandazzjonijiet li jinklu-

Id-diretturi ta' kumpannija Olandiża kienu suspettati li kienu involuti fi skema kbira ta' Ponzi. Ġew persważi 800 investitur biex jixtru prodotti ta' investiment frawdolenti għat-total ta' €200 miljun.

Investituri ġew ingaġġati permezz ta' riklami fuq it-televiżjoni, il-programmi Olandiżi "Business Class" u "Millionaire Fairs". Il-kumpannija Olandiża kellha wkoll uffiċċji ta' bejgħ mifruxa madwar l-Europa kollha. Minħabba li l-frodi kienet internazzjonali (li involviet mill-inqas erba' Stati Membri u erba Stati terzi) l-Eurojust intalab biex jgħin. Wara li saret laqgħa ta' kordinazzjoni għand l-Eurojust, ittieħdet deċiżjoni sabiex jiġi operat ċentru ta' kordinazzjoni fl-Aja.

Fis-27 ta' Settembru, 2011 awtoritajiet ġudizzjarji u uffiċjali tal-pulizija fi tmien pajjżi wettqu operazzjoni konġunta. Fl-Olanda, saru tfittxijiet f'sitt djar privati, ħames siti ta' kumpannija u uffiċju ta' avukat. Fl-Isvizzera, saret tfittxija f'dar privata u żewġ siti ta' kumpannija. Fl-istess ħin saru wkoll tfittxijiet fil-Belġju, Spanja, ir-Renju Unit, it-Turkija, l-Isati Uniti u d-Dubai. L-Ewrojust kkordina f'ħin reali t-tfittxijiet u l-arresti miċ-ċentru ta' kordinazzjoni. Bħala riżultat tal-operazzjoni, attiv bħal ma huma proprjetà immobbli, karozzi u ammonti sostanzjali ta' flus f'kontijiet bankarji ġew maqbuda f'bosta ġurisdizzjonijiet.

Saru allegazzjonijiet ta' korruzzjoni kontra erba' Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) wara li saret investigazzjoni fuq gazzetta. Il-Parlament Ewropew (EP) ma ppermettiex lill-OLAF id-dritt biex iwettaq investigazzjoni amministrattiva fil-każ mingħajr ordni mill-awtoritajiet nazzjonali ġudizjarji, u rrifjuta li jħalli uffiċjali ta' kontra l-frodi ifittxu l-uffiċini tal-MEPS suspettati. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri involuti bdew investigazzjonijiet u l-każ ġie riferut għall-għajnuna tal-Eurojust. Wara suġġeriment li għamel l-Eurojust, l-awtorità ġuddizzjarja Awstrijaka talbet l-appoġġ espert tal-OLAF, speċjalment rigward it-tfittxija fil-bini tal-EP. Bl-għajnuna tal-OLAF u l-Eurojust, fi żmien qasir saret it-tfittxija fil-bini tal-EP, minn awtoritajiet Franċiżi u Belġjani kif kienu ordnati mill-awtorità ġudizzjarja Awstrijaka. Saret laqgħa ta' kordinazzjoni bejn l-Awstrija, ir-Rumanija, Slovenja, il-Belġju u Franza bl-appoġġ tal-OLAF u l-Eurojust. L-OLAF ikkontribwixxa billi wettaq tfittxija b'suċċess u fil-ħin tal-bini tal-EP liema tfittxija kienet ordnata mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-każ qed ikompli.

du: l-approssimazzjoni ta' tifsiriet, livelli ta' sanzjonijiet u perjodi ta' preskrizzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tal-frodi tal-VAT; il-bżonn li l-Istati Membri kollha jkollhom fis-seħħ qafas legali għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' frodi tal-VAT transkonfini, irrispettivament jekk ir-reat ġiex imwettaq u kienx hemm telf; u l-bżonn ta' pulizija transkonfini u li tinbeda l-koperazzjoni ġudizzjarja fi stat kemm jista' jkun bikri bl-appoġġ tal-Eurojust u tal-Europol.

**1.3.5 Korruzzjoni**

Fl-2011 ġew reġistrati 26 każ ta' korruzzjoni, li jirrappreżentaw tnaqqis żgħir minn 31 fl-2010. Bħala riżultat tax-xejra tal-emfażi li dejjem jiżdied fuq ix-xogħol ta' kordinazzjoni tal-Eurojust, in-numru ta' laqgħat ta' kordinazjoni żdied b'mod sinjifikanti, minn 11 fl-2010 għal 19 fl-2011.

JIT rigward il-korruzzjoni li kien stabbilit qabel għand l-Eurojust, ra fl-2011 riżultati ma' ditta ta' Stat Membru li ħallset is-somma ta' madwar €3 miljun biex tinstab soluzzjoni wara każ ta' korruzzjoni transkonfini b'aspetti globali.

**1.3.6 Reati elettroniċi**

Ġew reġistrati 24 każ fil-2011, meta mqabbel ma' 32 fl-2010. B'kuntrast, saret żjieda sinjifikanti fil-laqgħat ta' kordinazzjoni, bil-laqgħat ta' kordinazzjoni rigward il-kriminalità elettronika jiżdiedu minn 1 fl-2010 għal 10 fl-2011. L-Eurojust ipparteċipa fl-żewġ JITs matul is-sena ta' rapportaġġ.

Il-frażi "kriminalità elettronika" tkopri żewġ tipi ta' attività kriminali: l-użu tal-internet sabiex jiġu mwettqa reati "tradizzjonali" bħal ma huma l-frodi, falsifikazzjoni, il-publikazzjoni ta' materjal dwar l-abbuż sesswali, eċċ., u l-użu ta' mezzi elettroniċi biex jisfrattaw jew jimmobilizzaw kompletamet sistemi ta' informazzjoni. L-Eurojust ikkontribwixxa fil-ġlieda kontra ż-żewġ tipi ta' kriminalità elettronika. L-Eurojust ipparteċipa wkoll fl-inizjattivi mmirati sabiex tintlaħaq it-



*Hackers* attakkaw ir-reġistri nazzjonali ta’ permessi ta’ negozju tal-karbonju fir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Greċja, ir-Rumanija, Franza u r-Renju Unit. Madwar 1,175,000 permess (li jiswew madwar €18 miljun) ġew misruqa mir-reġistri ta’ negozji tal-elettriku u tal-karbonju, u l-*hackers* ittrasferixxewhom lejn kontijiet f’bosta pajjiżi Ewropej. Ħafna minnhom ġew rintraċċati fil-Ġermanja, l-Estonja u r-Renju Unit.

Il-*modus operandi* ta’ dawn l-attakki fis-seba’ Stati Membri kienu kważi identiċi, bl-użu, mill-awturi tar-reat, ta’ metodi simili u sofistikati. Il-possibbiltà li dawn l-attakki kienu konnessi kienet qawwija. Waqt l-investigazzjoni tal-każ, il-prosekutur Ċek ġie bżonn ta’ informazzjoni mingħand Stat Membru ieħor u talab lill-Eurojust sabiex jikkordina u jgħin mill-aspett ta’ kordinazzjoni ġudizzjarja. L-Eurojust issorvelja u għen (flimkien man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropej (EJN)) fl-esekuzzjoni ta’ talbiet ġudizzjarji lejn il-Ġermanja, l-Estonja u r-Renju Unit, sabiex il-permessi ta’ emissjoni misruqa jkunu jistgħu jiġu maqbuda parzjalment u jingħataw lura lill-vittmi. Linji oħra ta’ injkesti rigward attività ta’ *phishing* u *hacking* ġew żviluppati minħabba l-espansjoni tal-aspett transkonfini tal-każ, u l-Eurojust ser ikompli aktar sabiex jitmexxa ‘l quddiem il-każ.

theddida f’livell tal-UE. L-Eurojust kompla jipparteċipa fil-Pjattaforma Ewropea dwar Kriminalità Elettronika, li tinkludi s-Sistema *Online* dwar ir-Rappurtar ta’ Kriminalità fuq l-Internet (I-CROS) u (AWF) tal-Europol CYBORG. L-Eurojust ipprovda aktar il-ħila tiegħu fid-diskussjonijiet kurrenti rigward it-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew ta’ Kriminalità Elettronika.

### 1.3.7 Ħasil ta’ flus

Ġew reġistrati fl-2011 122 każ ta’ ħasil tal-flus meta mqabbel ma’ 146 fl-2010. Skont in-numru globali, il-ħasil ta’ flus kien ir-raba’ tip ta’ reat l-aktar komuni (wara t-traffikar ta’ droga, frodi u THB). Din il-figura mhijiex sorprendenti meta jitqies il-fatt li gruppi ta’ kriminalità organizzata għandhom bżonn kemm jilleġitimizzaw il-profitti ta’ kriminalità organizzata kif ukoll jiffinanzjaw l-attivitajiet kriminali li jkun ser iwettqu fil-futur. Ir-riżultat ta’ dan huwa li gruppi ta’ kriminalità organizzata ta’ spiss jibgħatu fondi transkonfini sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom. In-numru ta’ laqgħat ta’ kordinazzjoni fl-2011 kien 27 (minn 30 fl-2010). Ġew organizzati fl-2011 żewġ

Ċittadini Taljani residenti fil-Ġermanja kienu qegħdin jiġu investigati fuq frodi tal-VAT u ħasil tal-flus li kellhom x'jaqsmu ma' negozju tal-karozzi fuq skala kbira. Meta prosekuturi Ġermaniżi għamlu kuntatt mal-kollegi tagħhom fl-Italja, inqalgħet difficultà legali ta' esekuzzjoni, li ġiet riferuta lill-Eurojust għall-konsiderazzjoni tiegħu. Wara li ġiet analizzata l-problema, l-Eurojust ta parir lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali Taljani sabiex jikkunsidraw li tiġi miftuħa investigazzjoni parallela. L-Eurojust wara żamm laqgħa ta' kordinazzjoni fejn intlaħaq ftehim fuq il-progress fuq il-każ, u ġiet deċiża il-ġurnata ta' azzjoni konġunta li kienet organizzata permezz ta' ċentru ta' kordinazzjoni fl-Eurojust.

Iċ-ċentru ta' kordinazzjoni ppermetta l-iskambju ta' informazzjoni u evidenza f'ħin reali bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri involuti, u l-analiżi minnufih tad-*data* miġbura. Bħala riżultat tal-operazzjoni simultanja, il-persuna prinċipalment suspettata ġiet arrestata fil-Ġermanja u mixlija b'ħasil ta' flus. Barra minn dan, saru numru kbir ta' tfittxijiet fiż-żewġ Stati Membri (5 fil-Ġermanja u 20 fl-Italja) fir-residenzi tal-persuni prinċipalment suspettati u fl-uffiċji tal-kumpanniji involuti fit-traffiku illeċitu. Ġew maqbuda evidenza dokumentata, bosta kompjuters u madwar €300,000 f'attiv; u ġie iffriżat kont tal-bank fil-Ġermanja. L-Eurojust kien l-attur prinċipali fil-kisba tar-riżultat tal-operazzjoni konġunta u ser ikompli jsegwi l-iżviluppi taż-żewġ investigazzjonijiet paralleli sabiex jiżgura l-aħjar riżultati fuq livell ġudizzjarju.

L-awtoritajiet Bulgari talbu l-għajnuna tal-Eurojust f'każ ta' kriminalita' organizzata li kienet tinvolvi frodi tal-identita' *software* li jaqra l-karti u falsifikar tal-euro. Il-kap tal-organizzazzjoni kien persuna ta' ċittadinanza doppja (Bulgarija u l-fYROM) li f'dak iż-żmien kien jgħix Spanja. Wara li sar kuntatt mal-awtoritajiet Bulgari, l-Eurojust għen fil-formazzjoni ta' JIT bejn l-awtoritajiet Bulgari u Spanjoli, l-Eurojust u l-Europol.

L-awtoritajiet stabbilixxew, wara li saret lagħat ta' JIT f'April 2011, li l-persuna suspettata kienet ukoll taħt investigazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi. L-Eurojust malajr involva s-Sezzjoni Ġermaniża, li għamlet kuntatt mal-kollegi tagħha nazzjonali. Bħala riżultat ta' dan, l-awtoritajiet Ġermaniżi imbagħad arrestaw il-persuna Bulgara u ċittadini ta' Stat terz li kienu fil-pussess ta' madwar 300,000 euro foloz. L-involviment tal-Eurojust u l-assistenza tiegħu fil-kordinazzjoni ta' azzjonijiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' prosekuzzjoni ippermettew li l-investigazzjoni preliminari fil-Bulgarija tiġi finalizzata b'suċċess.

JITs, waqt li r-reat tal-ħasil tal-flus ġie mmirat f'żewġ JITs oħra assoċjati ma' traffikar ta' droga.

In-natura orizzontali ta' ħasil tal-flus ġie emfasizzat mill-Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Organizzata (OCTA) tal-2009 u l-Valutazzjoni tat-Theddida ta' Kriminalità Organizzata Russa (ROCTA) tal-2008, u ħasil tal-flus ġie sussegwen-

F'Mejju tal-2009, bastiment Olandiż, il-*Marathon*, ġie maqbud minn pirati fil-Golf ta' Aden. L-awtoritajiet Olandiżi kkunsidraw żewġ alternattivi prinċipali. (1) intervent militari kontra l-pirati, jew (2) negozjati mal-pirati, li kienu talbu fidwa ta' miljun ta' dollari amerikani. Is-sid tal-bastiment iddeċieda jinnegozja il-ħelsien permezz ta' pagament ta' fidwa. Il-fidwa ġiet imħallsa, u minkejja li membru wieħed tal-ekwipaġġ miet, ma saru l-ebda arresti. Is-sid tal-bastiment Olandiż irrapporta l-attakk lill-awtoritajiet Olandiżi bħala estorsjoni, u b'hekk ġiet attivata l-ġurisdizzjoni tal-Olanda. L-investigazzjoni wasslet għall-identifikazzjoni ta' ħafna mill-pirati li kienu konnessi ma' każijiet oħra fil-Ġermanja u fil-Belġju.

Hekk kif il-każ kien qed jiżviluppa saru bosta laqgħat ta' kordinazzjoni, u ġew skambjati informazzjoni operattiva, bħal *modus operandi*, ismijiet ta' persuni suspettati, eċċ. Ħaġa importanti kienet li l-Eurojust ipprovda l-forum fejn il-prosekuturi li kienu qed jitrattaw il-piraterija marittima setgħu jaqsmu l-esperjenza tagħhom fuq il-każijiet firrigward ta' problemi ta' evidenza u legali li jinqalgħu mil-lok ta' ġurisdizzjoni, is-sitwazzjoni abbord, aspetti dwar arrest u s-sitwazzjoni fejn persuna tintbagħat lura, faċilitajiet ta' detenzjoni, ġbir ta' evidenza, smigħ ta' xhieda, identifikazzjoni ta' persuni suspettati, determinazzjoni u opinjonijiet dwar l-età (li jistgħu jaffettwaw il-post fejn isir il-proċess kriminali u l-istatus legali tal-pirati suspettati) eċċ. L-importanza ta' sħubija ma' partijiet oħra bħalma huma l-forzi navali, ta' assigurazzjoni, awtoritajiet tal-port, eċċ, ġie esplorata, flimkien ma' għodda investigattivi biex jirrintraċċaw ir-rikavat finanzjarju tal-piraterija. Meta ġew identifiki l-miri komuni tal-laqgħat tal-Eurojust, fil-laqgħat tal-Eurojust, ġiet stabbilit JIT f'Novembru tal-2011 bejn l-Olanda u l-Ġermanja.

tement identifikat mill-Kunsilll tal-Unjoni Ewropea bħala wieħed mill-prijoritajiet tal-UE għall-2010-2011 fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

### 1.3.8 Attivitajiet oħra ta' kriminalita organizzata

Ġew reġistrati 197 każ taħt il-kategorija ta' "attivitajiet oħra ta' kriminalità organizzata" meta mqabbel ma' 233 is-sena ta' qabel. In-numru ta' laqgħat ta' kordinazzjoni żdied b'mod sinjifikanti minn 13 fl-2010 għal 56 fl- 2011. Sitt JITs ġew stabbiliti biex jiffukaw fuq gruppi ta' kriminalità organizzata.

L-istatistika f'din il-kategorija għandha tiġi ttrattata b'attenzjoni speċjali. "Attivitajiet oħra ta' kriminalità organizzata" hija b'mod ċar kategorija residwa, u tintuża biss meta aspetti oħra ta' attività ta' kriminalità organizzata bħal ma huma t-traffikar ta' droga, THB jew ħasil ta' flus m'humiex xierqa.

F'dan il-kuntest l-Eurojust ilu jaħdem biex itejjeb il-figuri tiegħu ta' reġistrazzjoni ta'

## Punt ta' Kuntatt fl-Eurojust għall-Protezzjoni tat-Tfal – Reati kontra t-tfal

33 każ ta' kriminalità kontra t-tfal kienu reġistrati f'din il-kategorija fl-2011, inklużi tnejn minn Norveġja. Mill-2004, l-Eurojust irreġistra total ta' 169 każ fir-rigward ta' reati kontra t-tfal, inklużi 6 reġistrati minn Norveġja. Mill-bosta każijiet tal-Eurojust, l-aktar tipi ta' reati frekwenti li jaffettwaw it-tfal huma l-abbuż sesswali, inklużi stupri u sfruttament sesswali, immaġni ta' abbuż ta' tfal (pornografija bit-tfal) u THB.

Fl-2011, il-Punt ta' Kuntatt għall-Protezzjoni tat-Tfal fl-Eurojust intensifika l-koperazzjoni tal-Eurojust mal-Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea kontra l-isfruttament sesswali kummerċjali *online* tat-tfal (EFC). L-EFC ġie stabbilit fl-2009 biex jiġġieled kontra d-distribuzzjoni kummerċjali ta' immaġini ta' abbuż fuq it-tfal fuq l-internet. Fl-2011, ġiet maħluqa struttura ġdida EFC bil-mira aktar iffukata fuq infurzar tal-liġi u l-prosegwiment ġudizzjarju tax-xogħol tagħha.

Fuq il-bażi tas-suċċessi operattivi bħal ma hi l-Operation Lost Boy, fejn klikka ta' pedofilja ġiet żmantellata u aktar minn 70 tifel u tifla ġew salvati minn abbuż sesswali fl-Unjoni Ewropea, ġew żviluppati kuntatti mad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Isfruttament fuq it-Tfal u s-Sezzjoni tal-Oxxenità u aġenziji governattivi oħra tal-Istati Uniti u NGOs.

L-Eurojust żamm laqgħa ta' tattika rigward persuni li jkunu qed jivvjaġġaw mixlija b'reati sesswali fuq it-tfal li kienu jiffukaw fuq it-turiżmu tas-sess, fejn l-abbuż sesswali fuq it-tfal ikun ġie mwettaq f'Stat terz (frekwentement fil-parti tad-dinja li qed tiżviluppa), u fejn il-prosekuzzjoni titmexxa fl-Istat Membru tal-awtur li wettaq ir-reat. Fil-laqgħa ġew eżaminati l-ostakoli prattiċi li jiffaċċjaw l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri f'każijiet bħal dawn (partikolarment fejn ma jeżistux ftehim ta' koperazzjoni mal-Istat terz), ir-rwol tal-Eurojust biex jgħin jiġu solvuti diffikultajiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġbir u l-ammissibbiltà tal-evidenza u l-identifikazzjoni u s-sigurtà tal-vittmi. Il-parteċipanti enfasizzaw l-importanza tan-netwerk ta' kuntatti tal-Eurojust ma' Stati terzi u l-koperazzjoni mal-NGOs lokali.

kriminalità organizzata. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010 dwar ir-Rapport Annwali tal-Eurojust appoġġaw l-intenzjoni tal-Eurojust li jtejjeb l-għodda tiegħu ta' statistika sabiex ikun jista' jipprovdi lill-Kunsill figuri aktar dettaljati li jirrigwardaw reati karatterizzati b'dan il-fenominu. Dan ix-xogħol tkompla fl-2011, b'mod partikolari permezz tal-produzzjoni tas-Sistema ġdida tat-Tmexxija tal-Każijiet (CMS) fuq lista ta' reati, adattata għall-bżonnijiet tal-Eurojust u approvata mill-Kulleġġ.

Kienu x'kienu d-diffikultajiet fir-reġistrazzjoni ta' "attivitajiet oħra ta' kri-

minalità organizzata" dak li hu ċar hu li l-kriminalità organizzata stess tibqa' waħda mill-aktar prijoritajiet importanti ta' kriminalità li tiġi trattata għand l-Eurojust u tirrifletti l-fatt li l-iffikar fuq gruppi speċifiċi ta' kriminalità organizzata hija waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

## 1.4 Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni

Fl-2011, ġew stabbiliti 33 JITs ġodda bl-għajnuna tal-Eurojust. Il-prosekuturi tal-Eurojust, imħallfin u uffiċjali tal-puliżija pparteċipaw f'29 minn dawn il-JITs skont l-Artikolu 9f tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. Żewġ stati terzi pparteċipaw f'JIT multilaterali appoġġat mill-Eurojust. In-numru li dejjem jiżdied ta' JITs stabbiliti bl-għajnuna u l-parteċipazzjoni tal-Eurojust juri li l-awtoritajiet nazzjonali qed isiru aktar familjari mal-istrument u aktar u aktar ippreparati biex jużawh fix-xogħol operattiv tagħhom.

Iż-żieda fin-numru tal-JITs juri wkoll li prattikanti fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jużaw l-Eurojust bħala punt ta' referenza meta jiġu biex jiddeċiedu meta JITs jisgħu jkunu xierqa. Dan l-aspett ġie rinfurzat fl-2011 bit-twaqqif tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-JIT għand l-Eurojust (*ara* wkoll it-Taqsima 2.2.2).

L-Eurojust għen il-prattikanti tal-JIT f'diversi modi, bħalma ġara fil-każ ta' JITs li jiġu abbozzati, emendati u estiżi. Minħabba l-fatt li jittratta mal-JITs b'mod frekwenti, l-Eurojust żviluppa wkoll ħila li tippermettilu jagħti pariri dwar ostakoli legali potenzjali u sabiex jgħin jipprevjeni diffikultajiet oħra.

Hawnhekk, ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust jindika li żewġ kwistjonijiet jirrepetu ruħhom fuq il-livell ta' prosekuzjoni u dak ġudizzjarju fejn għandu x'jaqsam mal-JITs: l-ammissibbiltà ta' evidenza u l-iżvelar ta' informazzjoni. L-ammissibbiltà ta' evidenza dehret b'mod prominenti f'diskussjonijiet waqt laqgħat ta' kordinazzjoni. Meta sistemi differenti ġudizzjarji jikkoperaw, il-ftehim minn qabel dwar il-ħtiġiet biex jiġu applikati miżuri speċifiċi ta' investigazzjoni huwa



*Firmar ta' ftehim tal-JIT bejn il-Bulgarija u l-Olanda*

essenzjali, bħal ma hu l-bżonn li jkun hemm qbil ċar u ftehim reċiproku f'kwistjonijiet proċedurali. L-ammissibbiltà ta' interċettazzjoni bit-telefon jew il-kisba ta' materjal wara li jkun sar mandat ta' tiftix, bħala eżempju, tista' tkun soġġetta għal regoli ta' evidenza differenti fl-Istati Membri. L-involviment tal-Eurojust fl-għoti ta' parir espert fuq dawn l-aspetti huwa kruċjali, inkluż, f'xi drabi, il-parir li JIT ma jkunx xieraq. Jekk il-ħtiġiet le-

gali nazzjonali għal tipi speċifiċi ta' investigazzjonijiet ma jkunux konsistenti ma' attivitajiet previsti tal-JIT, għandha tkun konsidrata l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet paralleli jew proċeduri tradizzjonali tal-MLA.

Il-kwistjoni l-oħra li tiġi ffaċċata regolarment f'laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust tirrigwarda l-iżvelar ta' informazzjoni sensittiva li għandha x'taqsam mal-każijiet. Ġaladarba t-tqassim ta' malajr ta' informazzjoni huwa ta' vantaġġ kbir għal JIT, il-membri tiegħu għandhom ikunu konxji mill-bidu nett dwar il-firxa u ż-żmien meta jiġi żvelat materjal sensittiv lill-avukati tad-difiża u lill-qorti skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri involuti. L-għarfien espert ta' regoli nazzjonali dwar żvelar huwa kruċjali biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed ikollhom jiżvelaw informazzjoni sensittiva li l-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor ma kienx bi ħsiebhom jiżvelaw qabel ma jkun għadda ċertu żmien. Dan l-għarfien espert jista' jkollu impatt fuq proċeduri tal-qorti u l-iżvelar mhux previst jista' jippreġudika investigazzjonijiet aktar wiesgħa li jkunu għaddejjin f'Istat Membru wieħed kif ukoll jesponi l-għejjun tal-informazzjoni għar-riskju ta' ħsara fiżika jew mewt.

Konsiderazzjoni oħra dwar l-iżvelar hi li l-awtoritajiet domestiċi jistgħu jkollhom informazzjoni importanti iżda ma jkunux parti mill-JIT. F'dawn il-każijiet għandhom jintlaħqu ftehim ċari rigward it-trattament sussegwenti ta' kull informazzjoni żvelata fil-kuntest ta' investigazzjoni transkonfini ta' JIT. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiġu mħeġġa biex jiskambjaw informazzjoni sensittiva meta jiġi stabbilit biss il-ftehim fuq ir-regoli domestiċi differenti dwar l-iżvelar. L-Eurojust ipprovda servizz utli lill-Istati Membri billi kabbar l-għarfien tal-implikazzjonijiet tar-regoli differenti dwar l-iżvelar, billi ta pariri dwar l-abbozzar bir-reqqa ta' dokumentazzjoni tal-JIT u konsegwentement billi għen sabiex jiġi evitat l-iżvelar mhux mistenni u l-possibbiltà li jiġu pperikolati dawk li jkunu taw l-informazzjoni kontra gruppi ta' kriminalità organizzata.

Bħala parti mill-programm dejjem għaddej li jkattar l-użu tal-għodda tal-JIT, l-Eurojust u l-Europol ospitaw is-seba' laqgħa annwali tan-Netwerk Esperti Nazzjonali dwar il-JITs fl-2011 (In-Netwerk tal-JITs). Is-sessjoni plenarja ttrattat l-aspetti operattivi tal-JITs bħal ma huma l-parteċipazzjoni ta' Stati terzi u ostakoli operattivi speċifiċi li wieħed jiltaqa' magħhom matul ix-xogħol tal-JITs. Bħal ma ġara fis-snin ta' qabel, kull waħda mill-organizzazzjonijiet ippresjediet *workshop*. Wieħed minn dawn ittratta is-suġġett *Ostakoli legali u prattiċi meta jiġi stabbilit u waqt ix-xogħol ta' JIT u soluzzjonijiet li jirrigwardaw l-evidenza*; l-ieħor iddiskuta *JITs u l-interazzjoni tagħhom mal-imsieħba esterni*. Il-laqgħa ntemmet b'sessjoni plenarja dwar is-servizzi disponibbli għal esperti ta' JIT. Hawnhekk is-Segretarjat tan-Netwerk ippreżenta l-appoġġ disponibbli għat-twaqqif u t-tmexxija ta' JITs. L-Eurojust kien attiv wkoll fit-taħriġ ta' JIT, b'mod partikolari fil-qafas ta' *seminars* u konferenzi taċ-CEPOL.

*L-Eurojust u appoġġ finanzjarju għal operazzjonijiet tal-JIT.*

B'żieda mal-pariri li jagħti lill-avukati, l-Eurojust ivvaluta u appoġġa l-JITs fi-

nanzjarjament u loġistikament. Fl-2011, l-Eurojust kompla il-Proġett ta' Finanzjament ta' JIT tiegħu, bit-titolu *Appoġġ għall-Użu Akbar ta' JITs*, ibbażat fuq l-għotja li nkisbet mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-programm *Prevenzjoni ta' u Ġlieda kontra l-Kriminalità 2007-2013*. Il-proġett illum sar element ta' valur sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakoli finanzjarji li jiskoraġġixxu l-użu tal-JITs fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Permezz tal-proġett l-Eurojust appoġġa total ta' 34 JIT fl-2011. 16-il Stat Membru ħadu sehem fil-JITs li rċevew finanzjament wara valutazzjoni mill-Eurojust. Fuq il-bażi ta' 71 applikazzjoni għal finanzjament riċevuti, l-Eurojust għen fir-rigward tal-ispejjeż ta' safar, akkomodazzjoni, traduzzjoni u tal-interpreti li għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet operattivi tal-JIT, billi ingħata total ta' madwar €1.25 miljun. B'żieda ma' dan, ġew mislufin numru ta' settijiet tat-telefon ċellulari, *laptops*, *printers* mobbli u *scanners* lill-membri tal-JITs biex jiġu faċilitati l-komunikazzjonijiet.

Awtoritajiet Spanjoli wettqu investigazzjoni ta' gruppi ta' kriminali Ukrajni li organizzaw bosta netwerks tal-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini Ukrajni lejn il-Portugall u Spanja, billi intużat l-Italja bħala bażi loġistika. Wara azzjonijiet li sfrattaw in-netwerks f'dawn l-Istati Membri, ittieħdet deċiżjoni sabiex jiġi kkombattut dan il-fenomenu kriminali minn fejn oriġina. Għalhekk, l-Eurojust żamm laqgħa ta' kordinazzjoni bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet Ukrajni u l-Istati Membri. Il-pulizija u l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni skambjaw informazzjoni rilevanti, ġew identifikati il-persuni prinċipali suspettati, u sar ftehim mal-awtoritajiet Ukrajni kif għandha tiġi ttrattata din il-attività minn fejn oriġinat.

Aktar dettalji dwar il-Proġett ta' Finanzjament ta' JIT jinsabu fuq is-sit tal-web tal-Eurojust.

Bidliet leġislattivi taw aktar saħħa għar-rwol finanzjarju tal-Eurojust mal-JITs. Skont id-Deċiżjoni tal-Eurojust, li kellha tiġi implimentata mill-Istati Membri sa Ġunju tal-2011, il-prosekuturi tal-Eurojust, l-imħallfin u l-uffiċjali tal-pulizija ser ikunu mistiedna jieħdu sehem f'kull JIT li jitlob finanzjament mill-UE.

Dispożizzjoni oħra tad-Deċiżjoni tal-Eurojust teħtieġ li Stati Membri jinnotifikaw lill-Eurojust dwar JIT li jiġi stabbilit, irrispettivament jekk jkunx involut appoġġ finanzjarju tal-UE jew le. L-Eurojust irċieva 8 notifiki fl-2011 skont din id-dispożizzjoni.

## 1.5 Ix-xogħol fuq il-każjiet tal-Eurojust li jinvolvi Stati Terzi

Matul is-sena, Stati terzi ġew mitluba f'211-il okkażjoni. L-Istat terz li l-aktar ġie mitlub kien l-Isvizzera, segwit min-Norveġja, il-Kroazja, l-Istati Uniti tal-Amerika, it-Turkija, il-Bożnja u Ħerżegovina, is-Serbja, il-Marokk u Liechtenstein. It-tipi prinċipali ta' reati f'dawn il-każijiet kienu t-traffikar ta' droga, qerq u frodi, ħasil tal-flus, u reati kontra reati kontra l-ħajja, il-persuna jew il-libertà personali. L-għajnuna tal-Eurojust ġiet mitluba ukoll fil-każijiet ta' korruzzjoni, reati elettroniċi li kienu jinvolvu Stati terzi.




*Żjara ta' delegazzjoni mill-Isvizzera*

Pazjenti fi sptar mentali fil-Kroazja ġew maqtula matul il-gwerra li rriżultat wara l-kollass tal-Jugożlavja. Il-bżonn li jiġu intervistati membri Daniżi tal-forzi għaż-żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti sar evidenti matul l-investigazzjoni tal-qtil, li kkawżat diffikulatjiet legali minħabba fl-istatus tagħhom.

L-awtoritajiet Kroati għalhekk talbu lill-Prosekutur ta' Kollegament għand l-Eurojust biex jgħinhom. Infetaħ każ kontra d-Danimarka, li huwa wieħed mill-ftit każijiet ta' reati tal-gwerra rekordjati għand l-Eurojust. Il-każ ġie formalment irrekordjat taħt it-tip ta' reat omiċidju.

Il-kollaborazzjoni fil-qrib u effettiv bejn il-Prosekutur ta' Kollegament tal-Kroazja għand l-Eurojust u s-Sezzjoni Nazzjonali Daniża fissret li t-talba sabiex tinkiseb evidenza ta' xhieda saret aktar malajr, u l-investigazzjoni ta' reati tal-gwerra tista' titmexxa 'l quddiem.




*Prosekuturi ta' Kollegament tal-Eurojust: Is-Sinjur Josip Čule (Kroazja), Is-Sinjura Anne Grøstad (Norveġja) u s-Sinjur Stewart Robinson (USA)*

Stati Terzi kienu rappreżentati f'45 okkażjoni fil-laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust fl- 2011, li jwassal għal madwar kwart tal-laqgħat kollha li nżammu. L-Istat terz li l-aktar kien involut f'dawn il-laqgħat kien l-Isvizzera (12), segwit mill-Istati Uniti tal-Amerika (7), il-Kroazja (5), in-Norveġja (4), l-Ukraina (4), it-Turkija (2) u l-Ġappun (2). Waqt li l-parteċipazzjoni ta' Stat terz fil-laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust kienet sinjifikattiva, din il-parteċipazzjoni hemm bżonn li tiġi mkattra u żviluppata aktar.

Il-koperazzjoni ġudizzjarja li l-awtoritajiet ta' Stati Membri talbu minn Stati terzi bl-għajnuna tal-Eurojust kienet varja. Din kienet tvarja mill-faċilitazzjoni ta' talbiet ta' MLA (għas-smigħ ta' xhieda bil-*video-conferencing*, it-trasferiment ta' proċeduri kriminali, l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' iffriżar u konfiska, il-kisba ta' evidenza mill-banek u rekords kriminali), permezz tal-identifikazzjoni ta' punti ta' kuntatt u l-ħolqien ta' kanali ta' komunikazzjoni, għall-kjarifika ta' ħtiġiet legali u leġislazzjoni rilevanti. Fejn Stati Membri bagħtu uffiċjali fi Stati terzi, l-Eurojust



*It-tim tal-Presidenza tal-Eurojust:*
*Is-Sinjur Raivo Sepp, Viċi President,*
*is-Sinjur Aled Williams, President,*
*is-Sinjura Michèle Coninsx, Viċi President*

identifika dan is-sors bħala utli biex il-każijiet jitmexxu 'l quddiem, b'żieda mal-punti ta' kuntatt tal-Eurojust stess.

*Prosekuturi ta' Kollegament minn Stati Terzi sekondati lill-Eurojust*

Fl-2011, l-Eurojust kellu tliet Prosekuturi ta' Kollegament sekondati minn Stati terzi (il-Kroazja, in-Norveġja u l-Istati Uniti tal-Amerika). Dawn il-prosekuturi jistgħu jirreġistraw ix-xogħol fuq il-każijiet tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim ta' koperazzjoni milħuqa bejn pajjiżhom u l-Eurojust.

Il-Prosekutur ta' Kollegament tal-Kroazja fl-Eurojust irreġistra 14-il każ fl-2011. Il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet kienu relatati ma' reati ta' korruzzjoni, ħasil tal-flus u traffikar ta' droga. Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja rreġistra 47 każ fl-2011. Ħafna mill-każijiet kienu relatati ma' traffikar ta' droga, frodi, ħasil tal-flus, korruzzjoni, THB u terrorriżmu. F'Ottubru tal-2011, ġie appuntat kollega ġdid biex iservi bħala Prosekutur ta' Kollegament għall-Istati Uniti tal-Amerika għand l-Eurojust, skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-2006 bejn l-Eurojust u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Il-kwistjonijet prinċipali u d-diffikultajiet li ġew identifikati mill-Prosekuturi ta' Kollegament fil-koperazzjoni ġudizzjarja huma simili għal dawk li jiġu ffaċċjati mis-Sezzjonijiet Nazzjonali. Id-dewmien jew in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' talbiet frekwentament jirriżultaw minn differenzi fil-leġiżlazzjoni domestika li tirregola l-iżvelar ta' informazzjoni bankarja, is-smigħ ta' xhieda bil-*videoconferencing*, l-ammissibbiltà ta' evidenza, jew l-estradizzjoni ta' ċittadini. Il-Prosekuturi ta' Kollegament tal-Eurojust ipparteċipaw f'laqgħat ta' kordinazzjoni u fil-JITs.

B'mod ġenerali, il-preżenza ta' Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust għenet lill-prattikanti tal-UE jiffaċċjaw dispożizzjonijiet kumplessi li jirregolaw il-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u Stati terzi, u ffaċilitat l-esekuzzjoni ta' talbiet b'mod mgħaġġel u mingħajr xkiel.

# 2 Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet u l-imsieħba tal-UE

## 2.1 Relazzjonijiet Istituzzjonali

### 2.1.1 Il-Parlament Ewropew

Il-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u Intern (Kumitat LIBE) tal-Parlament Ewropew stieden l-Eurojust sabiex jattendi laqgħat varji fl-2011. Bħal ma hi issa stabbilita l-prassi, il-President tal-Eurojust ippreżenta r-Rapport Annwali tassena ta' qabel lill-Kumitat LIBE. L-Eurojust ukoll ikkontribxixxa lejn il-laqgħa tal-Kumitat Interparlamentari dwar il-Kontabilità Demokratika tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u r-rwol tal-Europol, l-Eurojust u l-Frontex. Għamel ukoll kontibuzzjonijiet bil-miktub b'rapporti għall-Parlament Ewropew dwar "Kif il-kriminalità organizzata tuża b'mod ħażin il-fondi tal-UE?" U "Spejjeż stmati ta' miżuri għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-UE". L-Eurojust ippreżenta wkoll ir-riżultati tiegħu matul is-seduti parlamentari dwar "Lejn strateġija tal-UE sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata transnazzjonali" u "Attakki fuq l-internet kontra Systemi ta' Informazzjoni".

### 2.1.2 Kunsill tal-Unjoni Ewropea

L-Eurojust kompla jikkontribwixxi fixxogħol ta' varji korpi tal-Kunsill li jittrattaw ma' koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Il-korpi prinċipali preparatorji tal-Kunsill kienu il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Koperazzjoni f'Materji Kriminali (COPEN), il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali u l-Valutazzjoni (GENVAL) u l-Kumitat dwar l-Artikolu 36 preċedenti (CATS).

Il-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill talbet lill-Eurojust sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu rigward l-abbozz tad-Direttiva rigward l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali (EIO). L-għan tal-EIO hu sabiex jirriforma l-koperazzjoni ġudizzjarja transkonfini f'materji kriminali: l-iskema preżenti tal-MLA għandha tiġi sostitwita b'strument bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. L-opinjoni tal-Eurojust ġiet pubblikata bħala dokument tal-Kunsill (6814/11). Dan id-dokument ġie wżat fid-diskussjonijiet li saru mill-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE fejn ġie kkunsidrat l-EIO fil-laqgħa tiegħu għand l-Eurojust f'Ġunju tal-2011. Minn Ġunju tal-2010, l-Eurojust ipparteċipa wkoll bħala osservatur fil-laqħat tal-Kunsill sabiex jiġi discuss l-EIO.

Il-Kumitat Permanenti rigward il-koperazzjoni operattiva dwar sigurtà interna (COSI) ġie stabbilit taħt l-Artikolu 71 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet



*Żjara ta' Kummissarju tal-UE Cecilia Malmström*

tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà interna. L-Eurojust attenda l-laqgħat tal-COSI sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilipp tal-involviment ġudizzjarju xieraq rigward l-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE. F'dan ir-rigward l-Eurojust appoġġa b'mod attiv l-implimentazzjoni tas-sejre politika ġenerali billi identifika d-dimensjoni ġudizzjarja fil-miri strateġiċi u l-pjanijiet operattivi relatati għat-tmien prijoritajiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bejn l-2011 u l-2013. L-Eurojust ikkontribwixxa wkoll għall-ewwel Rapport Annwali dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, ppreżentata lill-Kummissjoni tal-2011. F'Ġunju, l-Eurojust u l-Europol ippreżentaw dokument konġunt fuq kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, bl-użu ta' eżempji prattiċi minn tliet każijiet operattivi sabiex jikber l-għarfien fost il-prattikanti tal-valur miżjud li jirriżulta mill-involviment bikri tal-Eurojust u l-Europol. Id-dokument ġie imqassam bħala Dokument tal-Kunsill (9387/1/11).

### 2.1.3 Il-Kummissjoni Ewropea

L-Eurojust iżomm relazzjonijiet mill-qrib u effettivi mal-Kummissjoni, li tipprovdi l-iffinanzjajar tal-amministrazzjoni u l-infrastruttra tal-Eurojust. Il-Kummissjoni kienet konsultata b'mod kontinwu rigward il-proġett tal-bini ġdid tal-Eurojust (li għandu jiġi provdut mill-Olanda bħala Stat Ospitanti, iżda b'implikazzjonijiet sinjifikanti għall-estimi finanzjari tal-Eurojust li mistenni jkun disponibbli fl-2015). Għall-ewwel darba fuq is-suġġeriment tal-Eurojust, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja tal-Kummissjoni attenda l-laqgħa tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI, li ltaqgħu għand l-Eurojust fl-2011. In-negozjati ġew imġedda għal Memorandum ta' Ftehim bejn l-Eurojust u l-Kummissjoni sabiex jifformalizzaw bejniethom l-istambju ta' informazzjoni rigward l-estimi finanzjarji u dawk amministrattivi.

## 2.2 Netwerks ta' Prattikanti

Sal-aħħar tal-2011, l-Eurojust sar is-sit prinċipali għas-segretarjarti ta' tliet netwerks, liema jservu prattikanti ta' ġustizzja fil-qasam kriminali fl-Unjoni Ewropea. Dawn huma n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN), in-Netwerk tal-JITs u n-Netwerk Ewropew tal-punti ta' kuntatt rigward persuni responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (Netwerk dwar il-Ġenoċidju). Is-Segretarjati tan-Netwerks huma parti mill-persunal tal-Eurojust iżda jiffunzjonaw bħala unitajiet separati.

L-Eurojust ipprovda wkoll assistenza lin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN), u lil netwerk informali, bħal ma hu l-Forum Konsultattiv ta' Prosekuturi Ġenerali u lid-Diretturi ta' Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE.

### 2.2.1 In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

L-EJN ġie stabbilit fl-1998 u s-Segretarjat tiegħu ilu parti mill-persunal tal-Eurojust mill-2003. L-Eurojust ospita t-32 laqgħa regolari tal-EJN fil-bini tiegħu fl-2011. Il-punti ta' kuntatt tal-EJN mill-Istati Membri u mill-pajjiżi kandidati attendew il-laqgħa, flimkien ma' rappreżentanti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. Il-parteċipanti ddiskutew l-abbozz tad-Direttiva dwar l-EIO, l-iżvilupp tas-sit tal-web tal-EJN u l-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-EJN L-Eurojust ipparteċipa wkoll fis-36 Laqgħa Plenarja tal-EJN li saret f'Budapest, liema laqgħa ttrattat il-kwistjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*, ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi barranin u l-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali.

Fir-relazzjonijiet tiegħu mal-EJN, l-Eurojust normalment jaħdem permezz ta' tim tal-Kulleġġ (l-EJN u t-tim ta' Maġistrati ta' Kollegament). B'żieda ma' dan, it-*Task Force* Konġunt Eurojust-EJN, li ġie stabbilit fl-2010, iltaqa' għat-tieni darba sabiex jikkunsidra, barra minn suġġetti oħra, linji gwida eżistenti nazzjonali rigward l-interpretazjoni tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust fir-rigward tax-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust u tal-EJN, u r-rwol tal-Punti ta' Kuntatt tal-EJN fis-Sistema ta' Kordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust (li għandhom jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust). Ir-riżultati tad-diskussjonijiet tat-Task Force Konġunt Eurojust-EJN ġew ippreżentati fil-laqgħa plenarja li saret wara tal-EJN li nżammet f'Gdansk f'Novembru tal-2011.

### 2.2.2 Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs

In-Netwerk tal-JITs ġie stabbilit fl-2005. Fl-2011, in-Netwerk ġie provdut bis-Segretarjat tiegħu stess. Bħala sit prinċipali għas-Segretarjat, l-Eurojust jipprovdi appoġġ sabiex jitkattar l-użu tal-JITs fl-



*Laqgħa tan-Netwerk dwar il-Ġenoċidju*

Istati Membri. Is-Segretarjat ikkordina xogħol li wassal għall-publikazzjoni tal-Manwal tal-JIT rivedut tal-Eurojust-Europol għall-prattikanti f'kull lingwa tal-UE f'Ottubru tal-2011. L-Eurojust u l-Europol ospitaw is-7 laqgħa annwali tan-Netwerk tal-JITs rigward il-*JITs fil-mira operattiva*. Il-prattikanti rrapportaw l-esperjenza tagħhom fil-formazzjoni u l-operazzjoni

tal-JITs meta jittrattaw każijiet f'ħin reali. Aktar informazzjoni rigward ix-xogħol tal-Eurojust mal-JITs tinsab fit-taqsima 1.4.

### 2.2.3 Netwerk għal ġenoċidju

In-Netwerk Ewropew tal-punti ta' kuntatt rigward ta' persuni responsabbli għal ġenoċidju reati kontra l-umanita' u reati tal-gwerra ġie stabbilit fl-2002. Is-Segretarjat tan-Netwerk ġie maħtur fl-2011, u jipprovdi appoġġ għax-xogħol kontinwu tiegħu. Fl-2011, l-Eurojust żamm żewġ laqgħat plenarji tan-Netwerk dwar Ġenoċidju, fejn il-prattikanti ddiskutew suġġetti varji operattivi. Dawn jinkludu l-protezzjoni ta' xhieda, koperazzjoni legali internazzjonali, l-istrateġija ta' tlestija ta' tribunali internazzjonali (u l-potenzjal li jkun hemm "*lacunae* ta' impunità" meta l-ġurisdizzjoni tat-tribunali tintemm), il-konfiska ta' attiv minn reati kriminali, u l-kordinazzjoni ta' sforzi li għandhom jibqgħu għaddejjin sabiex il-persuni li wettqu r-reat jiġu investigati u jgħaddu l-proċess ta' prosekuzzjoni għal reati ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra.

### 2.2.4 Netwerk tat-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew

L-Eurojust u l-EJTN ilhom mill-2008 jaħdmu flimkien sabiex jippromwovu l-għarfien tad-dimensjoni Ewropea fix-xogħol tal-membri tal-ġudikatura tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2011, l-Eurojust kompla l-parteċipazzjoni attiva tiegħu u appoġġa l-Programm ta' Skambju tal-EJTN sabiex jgħin imħallfin u l-preskuturi tal-Istati Membri jiffamiljarizzaw ruħhom max-xogħol, il-funzjonament u l-attivitajiet tal-Eurojust. Ġew imqiegħda tliet persuni mal-EJTN (kull waħda minnhom għal perjodu ta' tliet xhur) mas-Sezzjonijiet Taljani, Ġermaniżi u Awstrijaċi għand l-Eurojust. L-Eurojust u l-EJTN ftiehmu wkoll biex jospitaw persuni f'taħriġ mal-EJTN għal perjodu ta' żmien qasir (minn ġimgħa sa ġimgħatejn). Sitt Sezzjonijiet Nazzjonali (l-Awstrija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Portugall u Spanja) appoġġaw l-inizjattiva bħala parti minn proġett pilota, li kienet ta' suċċess u għandha terġa tiġi ripetuta fl-2012.

L-Eurojust jipprovdi b'mod regolari kontribut għas-*seminars* u taħriġ tal-EJN. Fl-2011, l-Eurojust appoġġa l-proġett tal-EJTN imsemmi *Koperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali fil-prattika ta' materji kriminali*. Il-kelliema tal-Eurojust ipparteċipaw f'erba' *seminars* li ttrattaw kwistjonijiet legali, il-prattika u l-proċeduri rigward il-ħruġ u l-eżekuzzjoni tal-EAWs u tipi partikolari ta' talbiet MLA. L-Eurojust ta l-kontribut tiegħu f'avvenimenti ta' taħriġ tal-JIT fuq il-bażi tal-esperjenza operattiva tiegħu li dejjem tikber f'dan il-qasam.

### 2.2.5 Forum Konsultattiv

Matul l-2011, l-Eurojust kompla jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Forum Konsultattiv, lill-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE fil-mira tiegħu prinċipali li jgħin biex isaħħaħ l-aspetti ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni tal-politika tas-sigurtà interna tal-UE. Imżammu żewġ laqgħat għand l-Eurojust fl-2011.

L-ewwel laqgħa, f'Ġunju tal-2011, taħt il-Presidenza Ungeriża, iffukat fuq il-kor-

ruzzjoni. Il-forum Konsultattiv iddiskuta l-possibbiltà tal-kontribuzzjoni tiegħu għall-"Pakkett ta' Kontra l-Korruzzjoni" ġdid tal-UE, fid-dawl tal-proposti mill-Kummissjoni. Iddiskuta wkoll l-abbozz tad-Direttiva dwar l-EIO, li ġiet milqugħa bħala strument sinjifikanti sabiex tiġi faċilitata u simplifikata l-koperazzjoni ġudizzjarja.

It-tieni laqgħa saret f'Diċembru tal-2011, taħt il-Presidenza Polakka, u kkunsidrat kif tista' tiġi mtejba l-ġlieda kontra reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE fuq livell nazzjonali u tal-UE, b'koperazzjoni msaħħa bejn l-Olaf u l-Eurojust. Il-Forum Konsultattiv kkunsidra wkoll il-protezzjoni tax-xhieda fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ir-relazzjoni ma' garanziji ta' proċessi ġudizzjarji ġusti u l-possibbiltà tal-adozzjoni ta' *standards* komuni tal-UE. Fl-aħħar nett, il-laqgħa ffukat fuq l-abbozz tad-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat matul proċeduri kriminali, u l-bżonn sabiex jiġi żgurat il-proċess ġudizzjarju ġust u l-kondotta effettiva ta' proċeduri kriminali.

L-Eurojust ipprovda apoġġ konsiderevoli legali u loġistiku lill-Forum Konsultattiv, u huwa wkoll kanal sabiex jiġu rapportati l-opinjonijiet tal-Prosekuturi Ġenerali fil-forum aktar wiesgħa tal-istituzzjonijiet tal-UE.

## 2.3 Aġenziji u korpi tal-UE

### 2.3.1 L-Europol

L-Europol huwa msieħeb importanti fix-xogħol tal-Eurojust, relazzjoni enfasizzata bis-sede taż-żewġ korpi fl-Aja, u r-referenza fit-Trattat ta' Lisbona għar-rwol kordinattiv tal-Eurojust li hu bbażat fuq "informazzjoni provduta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Europol".

L-2011 rat żieda sinjifikanti fil-koperazzjoni dwar ix-xogħol fuq il-każijiet mal-Europol. L-Europol kien rappreżentat f'89 mil-laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust, mqabbel ma' 41 fl-2010. L-iskambju ta' informazzjoni operattiva permezz ta' kollegament ta' komunikazzjoni sikur bejn l-Eurojust u l-Europol żdied b'35%. Aktar minn 900 messaġġi



*Laqgħa tal-Forum Konsultattiv waqt il-Presidenza Ungeriża*

ġew skambjati permezz ta' dan il-mod fl-2011.

Fl-2011, l-Eurojust ġie assoċjat ukoll ma' żewġ Faxxikoli ta' Xogħol ta' Analisi (fejn l-Europol analizza *data* fir-rigward ta' tipi

Fl-2009, informazzjoni żvelat li l-grupp kriminali Ungeriż-Kroat-Sloven-Serb b'konnessjonijiet mal-Asja irranġa r-riżultati ta' madwar 170 logħba tal-futbol billi ġew imxaħħma l-ġukaturi tal-futbol, l-arbitri u oħrajn fil-Ġermanja, l-Ungerija, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Islovenia u pajjiżi oħra Ewropej. Il-grupp ta' kriminalita' organizzata kienu jilgħabu l-flus fuq ir-riżultati ta' dawn il-logħbiet tal-futbol fl-Asja u fl-Ewropa u l-profitt tagħhom kien ħafna miljuni ta' euro.

L-awtoritajiet Ġermaniżi bdew investigazzjoni f'Novembru tal-2009 u l-investigazzjoni Ungeriża bdiet madwar xahar wara. Il-pulizija tal-Ġermanja u tal-Ungerija kkoperaw b'mod intensiv mill-bidu nett. Bit-tisħiħ ta' din il-koperazzjoni, awtoritajiet ġudizzjarji kienu involuti u talba MLA intbagħtet mill-Ungerija lill-Ġermanja sabiex jiksbu evidenza u dokumenti fl-investigazzjoni Ġermaniża. Kif kien qed jiżviluppa l-każ Ungeriż, ġew skoperti konnessjonijiet mal-Kroazja u mal-Islovenja. Bdew investigazzjonijiet paralleli, li rriżultaw bl-arrest ta' madwar 30 persuna suspettata. Saret laqgħa mal-awtoritajiet Sloveni fl-Ungerija.

Minħabba fil-kumplessità tal-każ, l-Eurojust ġie mitlub jassisti. Żamm laqgħa ta' kordinazzjoni fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri affettwati skambjaw informazzjoni. L-Eurojust għen ukoll fl-abbozzar u t-trasmissjoni tat-talbiet għal koperazzjoni ġudizzjarja sabiex jiżgura li l-kwistjonijiet jitmexxew b'mod effiċjenti. L-involviment tal-Eurojust ġab flimkien l-aspetti separati tal-investigazzjoni, u billi ġie imkattar l-iskambju ta' informazzjoni, dan ippermettta l-ftuħ ta' linji ġodda ta' inkjesta. L-Eurojust ħadem fil-qrib mal-Europol, li pprovda appoġġ operattiv u analitiku. Fl-2011, ġie stabbilit JIT u l-iffinanzjar tal-JIT min-naħa tal-Eurojust ġie miksub sabiex jappoġġa xogħol operattiv.

partikolari ta' attività kriminali). Dawn kienu t-THB, il-produzzjoni ta' kannabis u kuntrabandu, li ġab in-numru total ta' assoċjazzjoni tal-Eurojust mal-AWFs għal 17. Iżda, l-Istati Membri ma tawx lill-Eurojust status ta' assoċjat f'AWFs oħra importanti, bħalma hu t-terroriżmu Iżlamiku u l-estremiżmu domestiku.

Sabiex tiġi msaħħa l-koperazzjoni operattiva, l-Eurojust u l-Europol esploraw id-dispożizzjonijiet ġodda li jinsabu fil-Ftehim rivedut ta' Koperazzjoni tal-1 ta' Jannar, 2010. Ġie stabbilit programm ta' skambju għal impjegati taż-żewġ organizzazzjonijiet. Ġew ospitati ħames żjarat reċiproċi ta' delegazzjonijiet miż-żewġ organizzazzjonijiet. Il-parteċipanti tal-Europol li żaru l-Eurojust attendew laqgħat interni (inklużi s-sessjonijiet plenarji tal-Kulleġġ) kif ukoll laqgħat dwar suġġerimenti partikolari għall-isfond professjonali speċifiku. L-Europol ipparteċipa wkoll f'laqgħat dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, ġaladarba s-Sistema ta' Kordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust (ENCS) u l-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol għandhom relazzjoni aktar fil-qrib kif provdut fl-Artikolu 12(5)(d) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. L-Eurojust attenda laqgħat tal-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (HENUs) u ospita għandu wkoll żjara tad-delegazzjoni HENU fis-27 ta' Ottubru 2011.

L-Eurojust u l-Europol ospitaw flimkien laqgħat għall-prattkikanti fl-oqsma ta'

Kwistjoni Unika ta' Estremiżmu/Terroriżmu Vjolenti, estremiżmu fid-drittijiet tal-annimali, frodi fuq il-VAT u l-laqgħat tal-esperti tal-JITs. L-Europol ikkontribwixxa għal-laqgħa strateġika f'Ottubru tal-2011 dwar Titjib fuq ix-xogħol tal-Eurojust f'każijiet ta' traffikar ta' droga. Ara s-subtaqsima 1.3.2.

### 2.3.2 OLAF

Il-Ftehim ta' Prattika tal-2008 dwar l-Arranġamenti ta' Koperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) huwa bażi legali għal koperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

It-trasmissjoni ta' informazzjoni relatata ma' każijiet mill-OLAF għall-Eurojust żdiedet. Fl-2011, l-OLAF irrefera tmien każijiet lill-Eurojust meta mqabbel ma' erba każijiet fl-2010. Waqt li dawn il-figuri huma baxxi, għandhom jiġu kkunsidrati fuq tliet kunsiderazzjonijiet. L-ewwel kunsiderazzjoni hija li l-Eurojust jaħdem ma' investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet, waqt li x-xogħol tal-OLAF huwa ffukat fuq investigazzjonijiet amministrattivi u azzjonijiet (mix-xogħol operattiv tiegħu fl-2010, l-OLAF irrakkomanda l-kunsiderazzjoni ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni minn awtoritajiet ġudizzjarji f'28 każ). It-tieni kunsiderazzjoni hija li l-Eurojust normalment jaħdem ma' każijiet li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, waqt li l-OLAF mhux hekk. It-tielet kunsiderazzjoni hija li l-OLAF ġie mistieden għal tmien laqgħat ta' kordinazzjoni fl-2011, figura li hi partikolarment inkoraġġanti fid-dawl tan-numru ta' każijiet riferuti magħmula b'mod globali.

Fil-każijiet fejn l-Eurojust u l-OLAF ħadmu flimkien, ġew miksuba benefiċċji ċari, kif muri mill-investigazzjoni rigward allegazzjoniijiet ta' korruzzjoni kontra Membri tal-Parlament Ewropew. Ara s-subtaqsima 1.3.5 għal dettalji dwar dan il-każ.

Ġew żviluppati fl-2011 metodi sabiex tiġi mtejba l-koperazzjoni bejn l-Eurojust u l-OLAF. Ġew miftehma l-kriterji sabiex jiġu magħżula każijiet komuni li jinvolvu l-kriminalità u elementi transkonfini; bdiet taħdem netwerk ta' komunikazzjoni sikura bejn iż-żewġ korpi,



*Żjara tas-Sinjur Rob Wainwright, Direttur tal-Europol*

bħal ma beda wkoll l-aċċess tal-Eurojust għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS); u intlaħaq ftehim fuq il-prinċipju li jiġu skambjati uffiċjali ta' kollegament. L-investigaturi u l-prosekuturi tal-OLAF għamlu żjara ta' studju għand l-Eurojust. L-OLAF ipparteċipa fil-laqgħat tal-Eurojust bħal-Laqgħa ta' Esperti tal-JITS. Il-valur miżjud rigward il-parteċipazzjoni tal-OLAF f'JITs jinsab fil-possibbiltà li tiġi




*Żjara tas-Sinjur Giovanni Kessler, Direttur Ġenerali tal-OLAF*

vverfikata *data* tal-JIT mad-*data* tal-OLAF u r-riżultati tal-investigazzjonijiet amministrattivi tiegħu.

### 2.3.3 Frontex

Fl-2011, l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġar tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex) komplew negozjati b'għan li jikkonkludu strument ta' koperazzjoni, skont l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust.

Fl-2011, l-Eurojust ipparteċipa fil-proġett tal-Frontex bl-isem ta' *Taħriġ rigward Traffikar ta' Persuni Umani għall-Gwardjani tal-Konfini* sabiex jiġi żviluppat taħriġ speċjalizzat għal gwardjani tal-konfini fi ħdan l-Unjoni Ewropea l-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen. L-aspetti ta' prosekuzzjoni u ġudizzjarji ingħataw kunsiderazzjoni biex isir taħriġ tal-iżvlipp ta' *curriculum* komuni.

### 2.3.4 CEPOL

Fl-2011, l-Eurojust ikkontribwixxa għal-21 attività ta' taħriġ u tagħlim għas-CEPOL. Dawn inkludew sessjonijiet ta' taħriġ għal uffiċjali anzjani tal-pulizija u prosekuturi fuq JITs (b'kollaborazzjoni

Netwerk kriminali kienet qed tittraffika t-tabakk u merkanzija oħra mill-Federazzjoni Russa u l-Belorussja lejn u madwar l-Unjoni Ewropea mill-2007. Il-kapijiet kriminali fl-UE kienu bbażati fil-Litwanja, l-awtoritajiet Litwani għamlu kuntatt mal-Eurojust għal assistenza, għaliex il-kapijiet kriminali kienu ħarbu mill-prosekuzzjoni minkejja qabdiet varji ta' trakkijiet mimlija sigaretti f'azzjonijiet li involvew il-Polonja, il-Latvja, l-Estonja u l-Ġermanja.

L-Eurojust għen fl-analiżi tal-każ, u żamm ħames laqgħat ta' kordinazzjoni mal-Istati Membri affettwati, l-Europol u l-OLAF sabiex jiżgura li stampa sħiħa tal-attività tal-kapijiet kriminali tkun miksuba mill-azzjonijiet li ġew imwettqa f'ġurisdizzjonijiet differenti. Ġurnata ta' azzjoni, li ġiet mif-tehma għall-aħħar ta' Novembru tal-2011, irrużultat f'25 arrest. B'mod importanti, dawn l-arresti inkudew il-kapijiet tal-grupp kriminali; 50 dar ġew imfittxija bi qbid ta' armi, esplożivi, drogi, sommon kbar ta' flus u oġġetti misruqa. L-investigazzjoni ippermettiet ukoll l-arrest ta' attiv li oriġina mill-ativitá kriminali, bħal ma huma l-proprjetà immobbli u vetturi lussużi.

mal-EJTN), u fuq ir-rwol tal-Eurojust fuq il-faċilitazzjoni ta' EAWs minn perspettiva operattiva. F'Mejju tal-2011, id-Direttur tas-CEPOL ikkuntattja lill-Eurojust rigward xogħol konġunt dwar Komponent ta' Tagħlim Elettroniku fuq il-Kriminalità Elettronika.

Minħabba fil-bżonn li jiġi żgurat li t-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi jitmexxa b'sinerġija, l-Eurojust ġie mistieden jattendi l-Kumitat tal-Programm Annwali tas-CEPOL, kif ukoll attenda l-10 Konfererenza Annwali tas-CEPOL fil-kwartieri ġenerali tiegħu.

### 2.3.5 Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI

Fl-2011, l-Eurojust ippresjeda l-laqgħat tal-Aġenziji tal-Kapijiet tal-ĠAI, u kkordina, f'koperazzjoni mill-qrib mas-CEPOL, l-Europol, il-Frontex u l-Aġenzija dwar Drittjiet Fundamentali (FRA), ir-Rapport Finali dwar l-koperazzjoni imtejjba bejn l-Aġenziji. Il-laqgħa annwali tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI saret għand l-Eurojust fl-24 ta' Novembru. Sar progress kemm fil-koperazzjoni bilaterali kif ukoll f'dik multilaterali. Eżempji ta' inizjattivi multilaterali kienu l-iskambju ta' katalogi ta' prodotti u servizzi, u l-konsultazzjoni bejn l-aġenziji fuq programmi annwali ta' xogħol.

Bħala President tal-Kapijiet tal-Aġenzijia tal-ĠAI, l-Eurojust irrapporta lill-COSI dwar il-progress u l-kisbiet fil-koperazzjoni bejn l-aġenziji tal-ĠAI, u sottometta proposta konġunta mal-Frontex għall-attivitajiet tal-2012-2013 (18079/11).

## 2.4 Relazzjonijiet barra l-Unjoni Ewropea

Kompla x-xogħol biex jitkattru l-possibblitajiet ta' koperazzjoni operattiva ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet barra l-Unjoni Ewropea fl-2011. Il-ftehim ta' koperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Konfederazzjoni Svizzera ġie fis-seħħ fit-22 ta' Lulju, 2011. Ġew konfermati mill-ġdid bħala prijoritajiet in-negozjar ta' Ftehim ta' koperazzjoni mal-Federazzjoni Russa, l-Ukrajna u l-Liechtenstein. Saru sforzi wkoll biex jinstab kuntatt sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà ta' bidu ta' negozjati dwar Ftehim ta' koperazzjoni mal-Istat tal-Iżrael, l-Albanija, il-Bosnja u Herżegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Moldova, Cape Verde u t-Turkija. Saru valutazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' koperazzjoni mal-Kroazja u n-Norveġja.

Saru missjonijiet għall-informazzjoni b'għan li tiġi valutata l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* fl-Albanija, fis-Serbja, fil-Montenegro u fl-Ukrajna. Komplew il-kuntatti biex tiġi esplorata l-possibbiltà li jinbdew negozjati dwar Memoranda ta' Ftehim mal-Interpol u l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO).

L-Eurojust ipprovda wkoll apppoġġ għal laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma UE-USA. B'mod partikolari, ikkontribwixxa għal-laqgħa ta' esperti tal-UE dwar l-implimentazzjoni ta' ftehim fuq l-estradizzjoni u l-assistenza legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, organizzata mill-Kumissjoni f'Settembru tal-2011. L-Eurojust ipprovda wkoll pariri dwar l-aspetti legali tal-iskambju ta' informazzjoni mal-USA f'laqgħat ta' kordinazzjoni. Kompla wkoll ix-xogħol ta'

preparazzjoni għal laqgħat ulterjuri sabiex jiġu solvuti kwistjonijiet prattiċi fir-rigward tal-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa.

Meta wieħed iqis il-firxa ta' kriminalità organizzata (illustrata bit-traffikar ta' droga u bnedmin lejn l-Unjoni Ewropea li jiġu minn barra l-konfini tagħha), jista' jkun hemm il-bżonn ta' inizjattivi ġodda. Id-Deċiżjoni tal-Eurojust, bħala eżempju, tipprovdi għodda ġdida importanti f'dan il-qasam: Il-possibbiltà li jiġu mqiegħda Maġistrati ta' Kollegament tal-Eurojust fi Stati terzi sabiex jaġixxu f'isem l-Istati Membri kollha. Fl-2011, ġie preżentat lill-Kulleġġ rapport dwar il-kompiti, il-funzjonijiet u l-istatus professjonali tal-imsemmija Maġistrati ta' Kollegament. Dan ir-rapport huwa pass importanti fil-kunsiderazzjoni tal-involviment ta' dawn il-Maġistrati ta' Kollegament fix-xogħol operattiv tal-Eurojust, u fl-għoti tal-kontribut fuq il-kriterji li għandhom jiġu osservati skont l-Artikolu 27a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust.

Għal darb'oħra, waqt li rrikonoxxa n-natura globali tal-kriminalità organizzata li dejjem tikber, l-Eurojust saħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu man-Netwerk Iberoamerikan ta' Koperazzjoni Legali Internazzjonali (IberRED). Imbeda proġett biex titjieb il-koperazzjoni prattika bejn l-Eurojust u l-prosekuturi tal-IberRed li huma speċjalizzati f'xogħol fuq il-każijiet ta' traffikar ta' droga. L-Eurojust iffaċilità l-esekuzzjoni ta' talbiet MLA u ta' estradizzjoni minn Stati Membri fl-Amerika Latina u viċi-versa permezz tar-relazzjoni tiegħu mal-IberRed.

# 3 Id-Deċiżjoni tal-Eurojust, żviluppi futuri u amministrattivi

## 3.1 L-Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill

L-għan tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, ippubblikata fl-2009, huwa sabiex tittejjeb l-kapaċità operattiva tal-Eurojust. L-implimentazzjoni effiċjenti u fil-ħin tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, kemm għand l-Eurojust kif ukoll fl-Istati Membri, hi meħtieġa sabiex isir użu sħiħ tal-potenzjal tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja transkonfini. Kien neċessarju li l-liġi nazzjonali tinġieb konformi mad-Deċiżjoni tal-Eurojust permezz ta' leġislazzjoni, fit-18-il Stat Membru, u dan kellu jseħħ sa Ġunju 2011. Sal-aħħar tal-2011, 10 Stati Membri kienu temmew il-miżuri meħtieġa.

Fl-2011, l-Eurojust temm bosta proġetti għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni. Is-sistema tal-Kordinazzjoni f'Kull Ħin (OCC) bdiet tintuża; ġew żviluppati kampjuni għat-trasmissjoni aktar faċli ta' informazzjoni dwar każijiet serji transkonfini lill-Eurojust bil-bidliet li rriżultaw fis-Sistema tat-Tmexxija tal-Każijiet (CMS); ġew stabbiliti s-Segretarjati tal-JITs u tan-Netwerk dwar Ġenoċidju. Saru laqgħat tal-Grupp Informali ta' Ħidma dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Eurojust mar-rappreżentanti tal-Istati Membru u korpi tal-UE. Is-suġġetti prinċipali kienu li jiżdied l-iskambju ta' informazzjoni u li jiġu stabbiliti l-ENCS sabiex isaħħu l-konnessjonijiet tal-Eurojust ma' prattikanti nazzjonali f'dan il-qasam. Informazzjoni dwar xi żviluppi fuq l-implimentazzjoni qed tingħata hawn taħt.

*Kordinazzjoni erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa*

Sabiex tiġi mtejjba l-aċċessibilità tas-Sezzjonijiet Nazzjonali tal-Eurojust u sabiex tkun tista' ssir l-intervenzjoni effiċjenti speċjalment f'każijiet urġenti f'kull ħin, ġiet stabbilita OCC ċentralizzata. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi issa jistgħu jagħmlu kuntatt mal-Eurojust 24 siegħa kuljum permezz ta' numru tal-telefon internazzjonali bla ħlas (jew numru dedikat Olandiż).

Sistema tal-immaniġġar ta' telefonati tirrispondi u tgħaddi t-telefonata lir-rappreżentant tal-OCC tas-Sezzjoni Nazzjonali. L-għan tat-telefonata imbagħad jista' jiġi spjegat bil-lingwa ta' min qiegħed iċempel u ttieħed l-azzjoni xierqa minn dak ir-rappreżentant tal-OCC; 94 telefonata ġew riċevuti minn mindu l-OCC ġiet stabbilita f'Awwissu tal-2011.

*Skambju ta' informazzjon taħt l-Artikolu 13*

L-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust teħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jinnotifikaw lir-rappreżentanti nazzjonali

F'lejl f'Diċembru tal-2011, ir-rappreżentant tal-OCC Franċiż tal-Eurojust li kien rrapporta għax-xogħol ġie kkuntattjat minn prosekutur nazzjonali. Tliet persuni suspettati ġew miżmuma mill-pulizija u ġie maħtuf materjal li kien jidher li għandu konnessjonijiet kriminali ma' kont tal-bank fil-Lussemburgu, li kien fih madwar €4 miljun. Il-prosekutur nazzjonali xtaq jiffriża l-kont bħala kwistjoni ta' urġenza, u kellu bżonn għajnuna fir-rigward tal-proċeduri li kellhom jiġu segwiti f'ġurisdizzjoni oħra. Ir-rappreżentant tal-OCC Franċiż tal-Eurojust ikkuntattja l-kollega tiegħu fil-Lussemburgu, li tah parir minnufih dwar il-ħtiġiet legali u tal-evidenza għal ordni ta' trażżin u li beda kuntatti mal-Unità ta' Għarfien Finanzjarja tal-Lussemburgu għand l-Uffiċċju tal-Prosekutur. Meta bdiet il-ġurnata bankarja l-għada filgħodu, il-kont ġie ffriżat mill-Unità ta' Għarfien Finanzjarja tal-Lussemburgu u imbagħad ġie miżmum minn imħallef investigattiv mil-Lussemburgu matul l-istess ġurnata.

tagħhom tal-Eurojust b'investigazzjonijiet serji transkonfini u prosekuzzjonijiet.

Sabiex tiġi ffaċilitata t-trasmissjoni strutturata tal-informazzjoni minn prattikanti f'dak il-qasam, l-Eurojust żviluppa formola PDF "smart" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Din il-formola tispeċifika t-tipi ta' informazzjoni li għandha tintbagħat u hija intiża biex tappoġġa r-rapportaġġ b'mod aktar faċli. Il-formola hija disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali permezz tas-Sezzjonijiet Nazzjonali. Il-formoli mimlija jintbagħtu lill-Eurojust permezz ta' kanali sikuri tal-posta elettronika li ġew magħmulin disponibbli għat-trasmissjoni. L-Eurojust ippubblika nota qasira dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 (5-7) fuq is-sit tal-web tiegħu.

L-Eurojust jinkoraġixxi lill-Istati Membri sabiex jużaw dan l-istrument u l-kampjun, li huma intiżi li jagħmlu l-appoġġ tal-Eurojust lill-Istati Membri aktar effettiv fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

L-informazzjoni riċevuta taħt l-Artikolu 13 tippermetti l-Eurojust jiskopri konnessjonijiet ma' każijiet oħra, inklużi dawk diġà maħżuna fis-CMS, sabiex joffri għajnuna lill-Istati Membri fi stadju bikri u sabiex jipprovdi kummenti operattivi lura lil awtoritajiet nazzjonali. Iż-żieda fuq l-iskambju ta' informazzjoni għandha żżid il-kapaċità tal-Eurojust biex jgħin prattikanti f'dan il-qasam u dawk li jifformulaw il-politika b'informazzjoni dwar ostatkoli u l-aħjar prattiċi fil-koperazzjoni ġudizzjarja transkonfini.

*Titjib fis-Sistema tat-Tmexxija tal-Każijiet*

Is-*software* tas-CMS ġiet l-ewwel darba introdotta fl-2004 u tiffaċilita l-ħażna sikura ta' *data* fuq ix-xogħol ta' każijiet, l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Membri Nazzjonali u l-analizi ta' dik id-*data*. Serje ta' proġetti li jimplimentaw l-bidliet meħtieġa mid-Deċiżjoni tal-Eurojust ġew mnedija, għaliex is-CMS tista' tikkontrolla informazzjoni addizzjonali rigward persuni u għandha tikkonforma mar-regoli ta' protezzjoni ta' *data* tal-Eurojust u

l-monitoraġġ mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*.

Sabiex jiġi żgurat l-iskambju xieraq ta' *data* ġudizzjarja bejn is-sistemti tal-Istati Membri u l-Eurojust, l-Eurojust kien involut fil-qrib fil-proġett IV ta' riċerka tal-Pool Ewropew kontra l-Kriminalità Organizzata (EPOC). L-għan ta' dan huwa sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp kontinwu tas-*software* tal-EPOC biex tipprovdi Sistema ta' Awtorità Nazzjonali (NAS) li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Eurojust u s-sistemi nazzjonali ta' xogħol fuq il-każijiet. L-imsieħba fil-proġett tal-EPOC IV huma l-Bulgarija, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Olanda u l-Islovenja. Rappreżentanti tekniċi tas-servizzi tal-prosekuzzjoni minn 19-il Stat Membru attendew seminar biex tippromwovi l-NAS. Il-żmien tal-proġett huwa ta' tliet snin, li beda f'April tal-2009 sa' Marzu 2012.

Sabiex tiġi ffaċilitata t-trasmjissjoni sikura ta' *data* għall-ENCS fl-Istati Membri, l-Eurojust ħadem fuq firxa ta' miżuri ta' konnessjoni. Is-soluzzjoni preċiża hija miftehma ma' kull Stat Membru, wara li jitqiesu l-limitazzjonijiet tekniċi, u billi jintużaw mill-ġdid konnessjonijiet eżistenti fejn possibbli. Bħalissa qed jiġu ttestjati konnessjonijiet pilota permezz ta' s-TESTA u VPN minn sit għal sit fuq l-internet mal-Bulgarija, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Portugall u r-Rumanija. Ser jiġi ffirmat Memorandum ta' Ftehim bejn l-Eurojust u kull Stat Membru qabel jibda' l-użu uffiċjali tal-konnessjoni.

*Sistema ta' Kordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust*

Skont id-Deċiżjoni tal-Eurojust, l-ENCS hija intiża sabiex issaħħaħ ir-relazzjoni tal-Eurojust mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji tal-Istati Membri. L-Eurojust ħa bosta passi sabiex ikattar l-istabbiliment tal-ENCS, billi saħħaħ r-relazzjoni mal-punt ta' kuntatti tal-EJN fit-Task Force Eurojust-EJN u żviluppa r-relazzjonijiet mal-kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (HENUs).

L-Eurojust żviluppa wkoll il-kampjun "*fiches suédoises*" biex jipprovdi informazzjoni rigward l-għamla tal-ENCS f'kull Stat Membru. L-ENCS s'issa ġiet imwaqqfa f'seba' Stati Membri, kemm b'leġislazzjoni prinċipali jew b'ordnijiet, ċirkolarijiet, linji gwida u strumenti sekondarji oħra. L-Eurojust ser jiskopri l-possibbiltà biex tiġi stabbilita pjattaforma komuni sabiex tiżgura djalogu bejn il-Membri tal-ENCS, u b'mod partikolari l-korrispondenti nazzjonali responsabbli għall-funzjonament tal-ENCS u l-Eurojust.

Fl-2011, sar disponibbli fuq is-sit tal-web tal-Eurojust dokument rigward il-probabilità ta' strutturi u xogħol tal-ENCS flimkien mal-profil ideali ta' korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust.

## 3.2 Task Force rigward il-Futur tal-Eurojust

Bl-għajnuna ta' Task Force, l-Eurojust kompla bil-konsiderazzjoni tiegħu rigward l-Artikoli 85 u 86 tat-TFEU. F'Mejju tal-2011, is-seminar strateġiku, *L-Eurojust: perspettivi ġodda fil-koperazzjoni ġudizzjarja*, inżamm taħt il-Presidenza Ungeriża, li ffoka fuq l-Artikolu 85 tat-TFUE minn approċċ fuq bażi ta' evidenza. Fuq il-bażi ta' studji fuq każijiet,

il-parteċipanti rriflettew fuq il-fatt jekk setgħat addizzjonali jistgħu jagħmlu l-Eurojust aktar effettiv u kkonkludew li d-diffikultajiet li jiġu ffaċjati għandhom jitqiesu meta jiġu implimentati possibilitajiet ġodda offruti bit-Trattat ta' Lisbona. Ġew ikkunsidrati l-kwistjonijiet li ġejjin f'bosta gruppi ta' ħidma: li tingħata s-setgħa lill-Eurojust biex ikun jista' jibda investigazzjonijiet kriminali u setgħat biex jiġu evitati u jiġu solvuti kunflitti ta' ġurisdizzjoni fuq bażi mandatorja; id-diffikultajiet li jiġu ffaċċjati waqt li jkun qiegħed jikkordina l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u l-miżuri possibbli sabiex titjieb l-kordinazzjoni; tiġi msaħħa l-koperazzjoni operattiva futura mal-Europol u mal-OLAF; u l-metodi possibbli biex jiġu operati fil-prattika l-mekkaniżmi differenti ta' valutazzjoni tal-Eurojust. Ir-rapport tas-seminar ġie pubblikat bħala dokument tal-Kunsill (14428/11) u huwa disponibbli fuq is-sit tal-web tal-Eurojust.

Bħalissa l-Eurojust qed jipprepara kontribuzzjonijiet dwar l-istruttura tiegħu u l-valuazzjonijiet parlamentari sabiex jiġu sottomessi lil partijiet interessati fid-dawl tar-regolamenti dwar l-Eurojust u l-Uffiċċju Ewropew tal-Prosekutur Pubbliku (EPPO) fl-2013.

## 3.3 Żviluppi amministrattivi

L-Eurojust kellu pjan finanzjaru ta' €31.7 miljun fl-2011; 95.6% mill-fond ġie eżegwit u ġew ipproċessati total ta' 7300 transazzjoni (obbligi u pagamenti) ġew proċessati, żieda ta' 12% fuq is-sena ta' qabel.

In-numru tal-persunal tal-Eurojust fl-2011 kien 269 (meta mqabbbel ma' 267 fl-2010). Minn dan in-numru 42 prosekuturi, imħallfin u uffiċjali tal-pulizija ta' kompetenza ugwali ġew sekondati minn Stati Membri. Kienu appoġġati minn 210 membri tal-persunal impjegati taħt ir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE u 17 espert nazzjonali sekondati.

*L-iżvilupp ta' għodod tal-ippjanar*

L-għodod tal-ippjanar tal-Eurojust ġew imtejba fl-2011. Intuża mudell ġdid ta' valutazzjoni li jqabbad direttament attivitajiet mal-ispiża finanzjarja. Meta jalloka spejjeż mal-Unitajiet u s-Servizzi, u meta bl-istess mod jiddistribwixxi l-ispejjeż ġenerali, il-mudell ġdid tal-ispejjeż joffri vantaġġi importanti fl-immaniġġar tal-miri tal-operat tal-Eurojust. Jippermetti lill-Eurojust li jifhem l-ispejjeż totali li għalihom Unità jew Servizz għandhom ikunu responsabbli, biex jiġu paragunati l-ispejjeż ta' għoti ta' kuntratti, eżempju, servizzi ta' sigurtà meta paragunati ma' spejjeż li jintefqu biex dawn is-servizzi jiġu offruti internament, biex ikun hemm monitorġġa fuq ix-xejriet tal-estimi u biex jiġu identifikati fi stat bikri tipi ta' spejjeż mhux mistennija. L-aktar importanti, il-mudell tal-ispejjeż jippermetti wkoll li tiġi identifikata r-relazzjoni bejn l-attivitajiet prinċipali u l-ispejjeż ġenerali.

Sabiex jiġi faċilitat l-immanniġġar effiċjenti ta' riżorsi, ir-Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet (AAR) imħejji mid-Direttur Amministrattiv issa sar komponent prinċipali tal-ippjannar strateġiku u taċ-ċiklu ta' programmar tal-Eurojust, u huwa intiż sabiex jiżgura li r-riżorsi jkunu imqabbla b'mod tajjeb mal-ksib tal-

miri. Informazzjoni amministrattiva u tal-estimi tiġi skambjata b'mod regolari mal-Kummissjoni u tkomplew id-diskussjonijiet dwar Memorandum ta' Ftehim sabiex jiġi formalizzat l-iskambju effiċjenti u ta' malajr ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet amministrattivi u tal-estimi.

*Reviżjoni tal-Istruttura Organizzattiva (OSR)*

Il-qafas tal-OSR ġie użat bħala referenza għall-appoġġ amministrattiv tax-xogħol prinċipali. Unità (l-Unità tal-Analiżi tal-Każijiet, is-suċċessur tal-Unità ta' Tmexxija ta' Każijiet) ġiet stabbilita sabiex tipprovdi appoġġ lis-Sezzjonijiet Nazzjonali. Inbdiet reviżjoni tal-karigi kollha amministrattivi sabiex jiġi żgurat l-aħjar allinjament mal-bżonnijiet tax-xogħol. Fi żviluppi relatati mal-Riżorsi Umani, ġew implimentati sistemi ta' informazzjoni biex ikun hemm monitoraġġ dwar l-effettività ta' spejjeż fir-rigward ta' riżorsi ta' persunal, u sabiex jiżgura li jkun hemm l-aħjar riżultati bejn it-taħriġ u l-ħtiġiet tax-xogħol, il-Kumitat dwar il-Persunal ġie mistieden jieħu sehem fl-iżvilupp ta' proċeduri ta' ingaġġ.

Fi ħdan il-qafas globali biex tiġi garantita l-kontinwità tax-xogħol, ittieħdu miżuri biex jiġi żviluppat Pjan ta' Azzjoni għall-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali għall-Eurojust. B'mod simili, indikaturi strateġiċi ta' prestazzjonijiet prinċipali (KPIs) biex titkejjel il-kwalità tas-servizzi, il-ħila u l-prestazzjoni organizzattiva tal-Eurojust, ġew inklużi fl-abbozz tal-Programm Annwali tax-Xogħol tal-2013, waqt li ġew ukoll ippreparati katalogi ta' servizzi disponibbli mill-unitajiet amministrattivi.

*Bini ġdid*

Sar progress konsiderevoli biex jinkiseb bini ġdid għall-Eurojust sal-2015. Fit-30 ta' Ġunju 2011, ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni mar-Renju tal-Olanda biex jiġi provdut bini ġdid lill-Eurojust iddiżinjat speċifikament biex ikun jista' jwettaq ix-xogħol operattiv tiegħu prinċipali. B'mod unanimu, bord ta' ġurati, li kien kompost minn membri tal-Istat Ospitanti u tal-Eurojust, għażlu ħames timijiet ta' diżinjaturi biex jipparteċipaw fil-fażi tal-għoti tal-offerti. Il-kandidati ġew mitluba jissottomettu proposta ta' diżinn li tilħaq



*Is-Sinjur Klaus Rackwitz,*
*id-Direttur ġdid tal-Amministrazzjoni*



*Il-persunal tal-Amministrazzjoni*

l-ogħla effiċjenza possibbli tal-operazzjonijiet kollha bil-konsum tal-inqas riżorsi possibbli waqt li tkun qed tirrappreżenta l-valuri prinċipali tal-Eurojust.

## 3.4 Aċċess Pubbliku għad-dokumenti tal-Eurojust

Żdiedu t-talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Eurojust skont ir-regoli tiegħu. Fl-2010, ġew riċevuti ħdax-il talba għal aċċess għad-dokumenti tal-Eurojust. Erba' ġew riċevuti direttament mill-Eurojust u fis-seba' każijiet l-oħra l-Eurojust ġie konsultat bħala terza parti wara li inbagħtu talbiet lill-organizzazzjonijiet l-oħra.

Mill-erba' talbiet li ġew riċevuti direttament mill-Eurojust, tnejn kellhom x'jaqsmu mal-persunal u tnejn kienu jirrigwardaw investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet li fihom kien involut l-Eurojust. Iż-żewġ talbiet li kellhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' persunal intlaqgħu totalment. Iż-żewġ talbiet li kienu jirrigwardaw każijiet ġew miċħuda għar-raġunijiet mogħtija hawn taħt.

Mis-seba' talbiet fejn l-Eurojust ġie konsultat bħala parti terza, wara li kienu saru talbiet lill-organizzazzjonijiet oħra, talba waħda kienet tirreferi għal każ partikolari u sitta ma kienux. It-talba li kienet tirreferi għal każ partikolari ġiet miċħuda (għal raġunijiet li hemm imniżżla fil-lista ta' hawn taħt) u s-sitta l-oħra, li kellhom x'jaqsmu ma' aċċess għal dokument tal-UE, intlaqgħu totalment.

It-talbiet li kellhom x'jaqsmu ma' każijiet (li ġew riċevuti kemm direttament kif ukoll indirettament) ġew ikkunsidrati kemm individwalment kif ukoll firrigward ta' dokumenti speċifiċi, u ġew miċħuda għal diversi raġunijiet. Dawn ir-raġunijiet kienu: għax l-iżvelar kien ser jippreġudika l-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi; għall-protezzjoni tal-interess pubbliku firrigward tal-kisba tal-kompiti tal-Eurojust fir-rinfurzar tal-ġlieda kontra l-krimi-



*Il-Kapijiet tal-Unitajiet u Servizzi*
*Mix-xellug għal-lemin: Jacques Vos, Servizzi Korporattivi; Joannes Thuy, Spokesperson, Stampa u Relazzjonijiet Pubbliċi; Diana Alonso Blas, Uffiċjal tal-Protezzjoni ta' Data; Carla Garcia Bello, Segretarja Legali tal-Kulleġġ; Alinde Verhaag, Aġent Kap ta' Analiż fuq il-Każijiet; Anna Baldan, Il-Kordinatur tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs; Klaus Rackwitz, Direttur tal-Amministrazzjoni; Catherine Deboyser, Servizzi Legali; Jon Broughton, Manniġġar tal-Informazzjoni; Mike Moulder, Budget, Finanzi u Akkwisti; Linda Scotts, Riżorsi Umani; Matevž Pezdirc, Kordinatur tan-Netwerk dwar il-Ġenoċidju; Fatima Martins, Segretarja tal-EJN*

nalità serja, investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet nazzjonali li fihom jgħin l-Eurojust; u minħabba f'konformità ma' regoli applikabbli ta' segretezza professjonali. Raġunijiet oħra li għalihom ġie miċħud l-aċċess kienu li d-dokumenti oriġinaw minn Stat Membru li kien irrifjuta l-iżvelar tagħhom, għax id-dokumenti kienu tħejjew għall-użu intern li kien jirrigwarda kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma kenitx ittieħdet mill-Eurojust, fejn l-iżvelar kien ser jippreġudika l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tal-Eurojust u fejn ma kienx jeżisti interess pubbliku fuq kollox rigward dak l-iżvelar.




*Seminar tal-Eurojust, Sofia, Bulgarija*




*Seminar tal-Eurojust, Budapest, l-Ungerija*



*Seminar tal-Eurojust, Ruma, l-Italja*

# 4 Prosegwiment ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fid-9-10 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tal-ĠAI adotta l-Konklużjonijiet dwar id-disa' Rapport Annwali tal-Eurojust (10645/1/11 REV 1). Bħal ma ġara f'rapport preċedenti, l-Eurojust jagħti informazzjoni f'dan il-kapitolu dwar l-oqsma fejn il-Kunsill għamel rakkomandazzjonijiet.

| **Eurojust-EJN** | |
|---|---|
| Li jiġu elaborati u implimentati mekkaniżmi bil-għan li titjieb il-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-EJN, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tal-ENCS, u rigward ir-rinviju ta' każijiet sempliċi lill-EJN. | It-*Task Force* Konġunt tal-Eurojust-EJN ġie stabbilit sabiex jikkonsidra, fost suġġetti oħra, ir-rwol tal-punti ta' kuntatt tal-EJN fl-ENCS. *Ara* t-taqsima 2.2 għal aktar dettalji. |
| **Laqgħat ta' kordinazzjoni u l-involviment tal-Europol u tal-OLAF** | |
| Li jippromwovi laqgħat ta' kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll biex jinvolvi, fejn ikun rilevanti u fi ħdan il-qafas ta' strumenti legali eżistenti, korpi oħra tal-UE bħal ma huma l-Europol u l-OLAF. | Fl-2011 rajna żieda sinjifikanti fil-laqgħat ta' kordinazzjoni. L-Eurojust organizza laqgħat ta' kordinazzjoni f'204 każijiet. L-Europol ipparteċipa f'89 laqgħa ta' kordinazzjoni u l-OLAF fi 8 każijiet. *Ara* wkoll is-subtaqsima 1.2.2. |

| | |
|---|---|
| **Ċentru ta' Ħila** | |
| Li jkompli l-isforzi "Ċentru ta' Ħila" dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja fl-Ewropa sabiex jikkontribwixxi għad-dibattiti bejn persuni oħra interessati fil-materja. | L-Eurojust qed jiżviluppa kunċett ta' ċentru ta' ħila sabiex jiffaċilita azzjoni ġudizzjarja effettiva kontra l-kriminalità organizzata transkonfini fl-Unjoni Ewropea billi jservi bħala ċentru ta' għarfien istituzzjonali u l-esperjenza fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. |
| **Użu tal-Artikolu 7(2) u (3) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust** | |
| Li jirrapporta dwar l-Artikolu 7 (2) u (3) | Il-Kulleġġ ma tax opinjoni bil-miktub li ma tkunx torbot skont l-Artikolu 7(2) u (3) iżda ġew solvuti każijiet fuq il-livell ta' Sezzjoni Nazzjonali. *Ara* s-subtaqsima 1.2.8 għal kunflitti ta' ġurisdizzjoni u s-subtaqsima 1.2.10 għal dettalji ta' EAWs. |
| **Artikoli 85 u 86 tat-TFEU** | |
| Li l-ħiliet tal-Eurojust jistgħu jiġu kkunsidrati f'dibattitu tal-politika dwar l-implimentazzjoni futura tal-Artikoli 85 u 86 tat-TFEU. | Fl-2011 l-Eurojust kompla jirrifletti dwar l-iżvilupp futur tiegħu skont it-TFEU u ħa sehem b'mod attiv fid-dibattitu Ewropew li kien għaddej fuq il-bażi tal-esperjenza operattiva tiegħu. L-Eurojust hu marbut mal-approċċ bbażżat fuq evidenza mal-Artikoli 85 u 86 qabel ma jiġu formulati l-konklużjonijiet għad-dibattitu dwar il-politika. *Ara* t-taqsima3.2. |
| **Għodda ta' statistika** | |
| Li jiġi aktar kunsidrat l-iżvilupp ta' statistika biex tiġi introdotta distinzjoni fuq il-bażi tad-diversi pajjiżi. | *Ara* l-Annes, Figura 2. |

| Timijiet Konġunti ta’ Investigazzjoni | |
|---|---|
| li jitkomplew is-sessjonijiet ta’ taħriġ tal-JITs. | L-Eurojust jappoġġa t-taħriġ dwar JITs, organizzat mis-CEPOL. Permezz tal-laqgħat annwali tan-Netwerk tal-JITs, prattikanti esperti f’dan il-qasam jaqsmu l-esperjenzi u l-għarfien tagħhom, kif ukoll l-aħjar prattiċi, u jikkontribwixu għall-promozzjoni tal-użu ta' JITs. |
| **Koperazzjoni ma’ Stati terzi** | |
| Li jkompli jagħti assistenza fix-xogħol fuq il-każijiet li jinvolvu Stati terzi. | Stati terzi pparteċipaw f’45 okkażjoni f’laqgħat ta’ kordinazzjoni. Għal aktar dettalji *ara* t-taqsima1.5. |
| **Sistema tat-Tmexxija tal-Każijiet** | |
| Li jimplimenta t-tibdiliet li joħorġu mid-Deċiżjoni tal-Eurojust fir-rigward tal-iskambju u l-għoti ta' informazzjoni mill-Eurojust; li tissaħħaħ aktar il-kapaċità li tiġi ttrattata u analizzata informazzjoni riċevuta, inkluża l-analiżi ta' referenzi analitiċi; li jisfrutta l-potenzjal sħiħ tad-*database* tal-Eurojust bil-ħsieb ta’ tal-biet possibbli minn Stati Membri, fuq il-bażi tal-analiżi ta’ referenzi analitiċi, sabiex tintalab li titwettaq investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi. | Ġie ppreparat mudell għat-tramissjoni ta' informazzjoni lill-Eurojust skont l-Artikolu 13. Ġie kompletat kwestjonarju f’Marzu u f'April 2011 biex jgħin fl-iżvilupp tas-CMS. Ġew identifikati oqsma diversi għal akar riflessjoni. Reġistrazzjoni ta’ każijiet; monitoraġġ ta’ każijiet; statistiċi; informazzjoni u kummenti dwar l-Artikolu 13; valutazzjoni tax-xogħol fuq il-każijiet; analiżi tax-xogħol fuq il-każijiet; sistema ta’ faxxikolu elettroniku (manniġġar ta’ dokumenti); u mezzi ta' komunikazzjoni. Ser issir diskussjoni individwali fuq dawn is-suġġetti matul il-laqgħat plenarji tal-Kulleġġ fl-2012 sabiex tingħata gwida mill-perspettiva tal-utent għal valutazzjoni funzjonali tas-CMS preżenti. Barra minn dan, il-Kulleġġ addotta lista emendata ta’ tipi ta’ kriminalità. |

| Koperazzjoni mal-Europol | |
|---|---|
| Li jkompli jaħdem flimkien, fi ħdan il-qafas ta' strumenti legali eżistenti u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni ta' *data*. | Fl-2011 rajna żieda fil-koperazzjoni fuq xogħol tal-każijiet mal-Europol u żieda ta' 35% fl-iskambju ta' *data* operattiva (911-il skambju) permezz ta' konnessjoni ta' komunikazzjoni sikura. Ġew applikati prinċipji komuni ta' protezzjoni *data* miż-żewġ organizzazzjonijiet. *Ara* s-subtaqsima 2.3.1. |
| **Koperazzjoni mal-OLAF** | |
| Li jżomm is-sħubija privileġġata fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u reati oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. | Fl-2011, żdiedet it-trasmissjoni ta' informazzjoni li għandha x'taqsam mal-każijiet. L-OLAF irrakkomanda l-investigazzjoni kriminali u l-prosekuzzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali madwar l-Unjoni Ewropea f'madwar 30 każijiet fl-2011. Tmien każijiet ġew riferuti lill-Eurojust għal għajnuna. *Ara* s-subtaqsima 2.4. |
| **Koperazzjoni mal-Frontex** | |
| Li jkompli jaħdem sabiex jistabbilixxi arranġamenti ta' xogħol formali mal-Frontex b'mod partikolari billi jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni. | Wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Frontex, hu previst ftehim ta' koperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' persunal u data operattiva. *Ara* t-taqsima 2.5. |

| **Proġett ta’ Reviżjoni tal-Istruttura Organizzattiva** | |
|---|---|
| Li jippreżenta riżultati tal-proġetti dwar il-Prestazzjoni tal-Kulleġġ u r-Reviżjoni tal-Istruttura Organizzattiva. | L-Eurojust kompla jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-OSR f’seba oqsma. Il-proġettt dwar *"l-Istruttura tal-Amministrazzjoni"* huwa prinċiparjament iffinaliz-zat. Sar progress sinjifikanti fuq il-proġetti, *Prestazzjoni u Manniġġar ta' riskji*, il-*Koperazzjoni bejn l-Amministrazzjoni*, il-*Kulleġġ u s-Sezzjonijiet Nazzjonali*, u *Taħriġ*. Qed jitħejja pjan ta’ azzjoni sabiex jiġu ġustifikati r-riskji potenjzali għall-Eurojust. Fuq il-bażi tal-indikaturi strateġiċi ta’ prestazzjonijiet prinċipali (KPIs) li ġew żviluppati mill-Eurojust, ġew inklużi fil-Programm abbozz dwar ix-Xogħol Annwali tal-2013, abbozzi ta’ KPIs ġeneriċi li jkejlu l-kwalità tas-servizzi, ħila, għarfien u l-prestazzjoni organizzattiva tal-Eurojust. Il-proġetti l-oħra, Delega ta’ deċiżjonijiet, *Prestazzjoni* u *Kultura Portfolio* għadhom għaddejjin. |
| **L-Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Eurojust Decision u l-Kordinazzjoni F’Kull Ħin** | |
| Li jkompli jimplimenta d-Deċiżjoni ġdida tal-Eurojust, jirrevedi r-Regoli ta' Proċeduri u joħloq kampjun *standard* li bih l-informazzjoni tkun tista' tiġi tras-ferita u pproċessata għand l-Eurojust; jirrapporta fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-rapport annwali li jmiss; iħaffef l-istabbiliment ta’ sistema ta’ kordinazzjoni f’kull ħin u javvanza l-isforzi fl-implimentazzjonijiet ta’ mekkaniżmi sabiex tiġi ffaċilitata t-trasmissjoni ta’ xogħol fuq il-każijiet. | *Il-Kapitolu 13 jittratta fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq it-tisħiħ tal-Eurojust, b’mod partikolari dwar l-OCC, l-ENCS u l-Artikolu 13.* |



*Seminar tal-Eurojust, Krakovja, il-Polonja*



*Jum Kontra t-Traffikar, Varsavja, il-Polonja, is-Sinjur Williams jiffirma d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Aġenziji tal-ĠAI*



*Laqgħa ta' Konsultazzjoni bejn l-Eurojust u r-Repubblika tal-Kroazja, Brijuni, Kroazja*

# ANNESS

## Figura 1

Fl-2011, l-Eurojust irreġistra 1,441 każ, li kompla x-xejra pożittiva fin-numru ta' każijiet riferuti għal assistenza mill-Istati Membri mill-2002. Madwar 20% ta' dawn il-każijiet involvew tliet Stati Membri jew aktar.

**Evoluzzjoni tal-każijiet 2002-2011**



## Figura 2

Il-figura turi n-numru ta' każijiet bilaterali u multilaterali li ġew irreġistrati minn kull Sezzjoni Nazzjonali fl-2011.

Każ bilaterali ma jfissirx li dan jirrigwarda reat kriminali anqas gravi jew li huwa xieraq li l-involviment mill-Eurojust ikun limitat. Każ bilaterali għand l-Eurojust jista' jkun multilaterali f'Stat Membru.



## Figura 3

Ix-xogħol fuq każijiet tas-Sezzjoni Nazzjonali għandu impatt mhux biss fuq in-numru tal-każijiet reġistrati f'sena, iżda wkoll għandu impatt fuq il-każijiet li jkunu għadhom għaddejjin minn snin ta' qabel. L-Eurojust għandu total ta' 500 każ pendenti mis-snin ta' qabel (2003-2010) li għad għandhom bżonn ta' attenzjoni u għajnuna.

**Każijiet miftuħa u magħluqa 2003-2011**



## Figura 4

Skont l-artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, il-kompetenza ġenerali tal-Eurojust tkopri t-tipi ta' kriminalità u reati li fir-rigward tagħhom l-Europol hu f'kull ħin kompetenti li jaġixxi u xi reati oħra kommessi flimkien ma' dawn it-tipi ta' kriminalità u reati.

Għal tipi oħra ta' reati, l-Eurojust jista' wkoll, skont l-għanijiet tiegħu, jgħin fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru skont l-artikolu 4(2).

L-Eurojust jista' wkoll jiġi mitlub minn Stat Membru sabiex jipprovdi għajnuna fuq materji jew suġġetti ta' natura aktar ġenerali li mhumiex neċessarjament direttament kollegati ma' każ operattiv li jkun għadu għaddej, fost affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' legislazzjoni nazzjonali jew proċeduri (każijiet ta' suġġett legali).

**Klassifikazzjoni ġenerali ta' każijiet**



## Figura 5

L-oqsma ta' prijorità operattiva adottati mill-Eurojust fl-2010-2011 ikopru t-traffikar tad-droga, it-THB, it-terrorrizmu, il-frodi, il-korruzzjoni, il-kriminalità elettronika, u attivitajiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-preżenza tal-gruppi tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija.

Il-figura turi l-għadd ta' drabi li dawn it-tipi ta' kriminalità kienu involuti fil-każijiet reġistrati għand l-Eurojust fl-2010 u fl-2011. Każ wieħed jista' jinvolvi aktar minn tip wieħed ta' kriminalità. Aktar informazzjoni tista' tinstab fit-taqsimiet rilevanti tal-Kapitolu 1.

**Tipi ta' prijorità ta' reati f'każijiet tal-Eurojust**



## Figura 6

L-oqsma ta' prijorità operattiva adottati mill-Eurojust fl-2010-2011 ikopru t-traffikar tad-droga, it-THB, it-terroriżmu, il-frodi, il-korruzzjoni, il-ħasil ta' flus, il-kriminalità elettronika u attivitajiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-preżenza tal-gruppi tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija.

Il-figura turi l-għadd ta' drabi li dawn it-tipi ta' kriminalità kienu involuti fl-oqsma ta' prijorità ta' kriminalità, kif ukoll f'tipi oħra ta' kriminalità, fil-każijiet reġistrati għand l-Eurojust fl-2011 u fl-2011. Każ wieħed jista' jinvolvi aktar minn tip wieħed ta' kriminalità.

**Tipi ta' prijorità ta' reati u tipi ta' reati oħra f'każijiet tal-Eurojust**



## Figura 7

Il-figura turi l-għadd ta’ drabi li ġiet mitluba l-assistenza tal-Eurojust fl-2010 u 2011 minn kull Stat Membru.



## Figura 8

Il-figura turi l-għadd ta' drabi li ġiet mitluba l-assistenza mill-awtoritajiet ta' kull Stat Membru permezz tal-Eurojust fl-2010 u 2011.

**Każijiet tal-Eurojust, pajjiżi mitluba**



## Figura 9

Il-figura turi n-numru ta' każjiet li kienu jeħtieġu laqgħa ta' kordinazzjoni. Il-laqgħat ta' kordinazzjoni normalment jinżammu fil-kwartieri tal-Eurojust fl-Aja. F'ċerti sitwazzjonijiet, laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust inżammu wkoll barra mill-kwartieri tal-Eurojust fi Stat Membru jew fi Stat terz.

**Każijiet ittrattati fil-laqgħat ta' kordinazzjoni**



## Figura 10

Il-figura turi n-numru ta' każijiet li kienu jeħtieġu laqgħa ta' kordinazzjoni wara li saret talba għal assistenza minn kull Stat Membru jew Stat Terz.



## Figura 11

Il-figura turi l-għadd ta' drabi li l-awtoritajiet tal-Istati Membri pparteċipaw fil-laqgħat ta' kordinazzjoni tal-Eurojust fuq każijiet li jeħtieġu kordinazzjoni wara li jkunu intalbu għal assistenza.

**Laqgħat ta' kordinazzjoni, pajjiżi mitluba**





*Il-Bini tal-Eurojust Haagse Veste 1*

Id-drittijiet kollha riżervati. L-ebda parti ta' din il-publikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta u użata fl-ebda forma b'xi mezz ta' grafika, elettronika jew mekkanika, inkluż l-ikkupjar bil-karti, rekordjar jew ħażna ta' informazzjoni u sistemi li jiksbu lura l-informazzjoni, mingħajr il-permess tal-Eurojust.

Ħajr - ritratti:
Joannes Thuy, Leen De Zutter u Jacalyn Birk, Eurojust
Michel Mees, The Hague
Zollkriminalamt, Köln, il-Ġermanja

© 2012 Eurojust